PJ(M26).

# Leħen il-Malti

**MAĦRUĠ**

**MILL-GĦAQDA TAL-MALTI (UNIVERSITA')**

FITTEX EGĦRUQEK; ARA JEKK HUMIEX
FIL-ĦAMRIJA TA' MALTA. JEKK LE,
INT BARRANI F'ART MISSIRIJIETEK.

UNIVERSITY OF MALTA LIBRARY

IL-XLV SENA 1976 GĦADD 20

**IL-KUMITAT TA' L-GHAQDA TAL-MALTI (Università) — 1975/76**

*President:* Professur Ġużè Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D.(Lond.), F.R.A.S.

*Viċi-President:* Rev. Edward Fenech, B.A.(Gen.), B.A.(Hons.), M.A., Ph.D. (Leeds)

*Segretarju:* Peter Paul Buttigieg

*Kaxxiera:* Phyllis Mifsud, B.A. (Gen.)

*P. R. O.:* Vivienne Grima

*Membri:* M'Dolores Camilleri
Anna Ciappara

# LEHEN IL-MALTI

BORD EDITORJALI
*Editur*: Professur Ġużè Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.), F.R.A.S.

*Assistent Editur:* Oliver Friggieri, B.A., M.A.

*Membri:* Rev. Edward Fenech, B.A.(Gen.), B.A.(Hons.) M.A., Ph.D.(Leeds),
Peter Paul Buttigieg
Godwin Xerri

# META MORT IL-LIBJA

Meta konna għadna kolonja Ingliża (Malta kellha ftit snin ta' libertà fl-istorja tagħha), kien hemm żewġ toroq biss miftuħa quddiemha — waħda li kienet tieħu għal **Downing Street,** Londra u l-oħra li kienet tieħu għal **Palazzo Venezia,** Ruma. Meta mbagħad Malta ħadet rajha f'idejha, infetħu toroq ġodda, toroq li jieħdu għal pajjiżi fil-qrib, li qabel qajla kien ikollna x'naqsmu magħhom, u toroq oħra li jieħdu fil-bogħod ħafna għal pajjiżi li qatt ma konna noħolmu li xi darba kien ser ikollna x'naqsmu magħhom.

Toroq ġodda, ħbieb ġodda! Id-dinja kbira u kull ġens għandu dik ix-xi ħaġa li tagħżlu minn ġens ieħor. Fuq kollox, il-ġnus kollha huma magħmulin min-nies tad-demm u l-laħam bħalna, nies fix-xaba' u nies fil-għaks, nies edukati u nies injoranti, nies minn fuq u nies minn taħt, nies ħakkiema u nies maħkuma, nies ġusti u nies inġusti, nies indifferenti u nies impenjati fil-ġlieda għall-ġustizzja soċjali. Fuq tila ikbar, il-kwadru ta' l-umanità mxerrda ma' l-erba' kontinenti jidher akbar u aktar imżewwaq. Mal-ftuħ tat-toroq ġodda nqalgħu opportunitajiet ta' safar, issa għal art u issa għal oħra li qabel qatt ma konna naħsbu fihom. Konna maqfulin ġo gaġġa. Il-bniedem meta jidra, bħal għasfur imfeddel, iħoss ruħu kuntent anki ġo gaġġa. Issa farrakna l-gaġġa u ħriġna għall-beraħ, sirna tassew nies ħielsa; ċittadini ta' pajjiż indipendenti u repubblika li s'issa għadu fi ħdan il-**Commonwealth.** Ma ngħaġġlux! Nieqfu ftit, u nistaqsu lilna nfusna "Aħna tassew poplu ħieles? Jiddependi x'wieħed jifhem bil-kelma 'ħelsien'. Jekk b'ħelsien nifhmu biss li n-nies li jintbagħtu fil-gvern mill-poplu minn żmien għal ieħor jistgħu jagħmlu liġijiet mingħajr ma joqogħdu jitolbu, kif kienu jagħmlu dari, il-kunsens tal-Majestà

tagħha r-Reġina, aħna poplu liberu. Imma sa hawn il-libertà tagħna hija libertà politika biss.

Meta dan l-aħħar kelli mmur Tuneż u waqaft għal ftit il-Libja nistenna l-ajruplan, u ftit ġimgħat wara mort għall-kungress Nisrani-Musulman li sar fi Tripli, għamilt ftit tar-riflessjonijiet u paraguni. Ta' min jaħseb fuqhom.

Fost l-Għarab osservajt qima kbira għal-lsien Għarbi, ilsien il-poplu. Fil-Libja dan ir-rispett għall-Għarbi huwa hekk kbir illi waslu biex għamlu l-ismijiet tat-triqat kollha, ħwienet, riklami u kull ħaġa oħra miktuba bil-Għarbi. Jista' jkun li barranin li ma jafux bil-Għarbi jiddejqu għax ma jirnexxilhomx isibu t-triq waħedhom. Imma din hija affari tal-Libjani. Dak li qgħadt naħseb fuqu huwa d-differenza ta' mentalità u s-sens ta' independenza tal-gvernijiet tagħna u l-gvernijiet Għarab. Il-Għarab huma hekk kburin bi lsienhom li, bla kompromessi ma' ilsna barranin, jagħtuh l-ewwel post f'pajjiżhom. Malta, li tiftaħar li m'għadhiex kolonja Ingliża, f'dik li hija lingwa ta' korrispondenza uffiċjali, anki ma' l-istess Maltin għadha ingliżizzata, biex ma ngħidux li saret aktar ingliżizzata minn qabel. Il-qagħda tal-Malti tħassret hekk bl-ikreh, li wieħed ma jiflaħx ma jistaqsix "Għaliex mingħand l-Għarab ma tgħallimniex nirrispettaw ilsienna bħalma huma jirrispettaw ilsienhom? U, fl-aħħar mill-aħħar, mhux l-Għarab biss imma l-pajjiżi kollha ċivilizzati jirrispettaw ilsienhom.

L-Ingliż jidher li għad għandu r-riħ fuq ilsien il-poplu fl-uffiċini tal-Gvern u sa fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. Fl-Università (Maltija jew barranija?) għandna żgħażagħ, speċjalment tfajliet, li jħossuhom superjuri għal ħaddieħor meta jitkellmu **speċi ta' Ingliż.** Sa ftit snin ilu, ħadd ma kien jista' jitkellem bil-Malti fil-laqgħat tal-Kunsill, Senat u Fakultà ta' l-Università. Il-minuti flok jinżammu bit-Taljan bħal dari jinżammu bl-Ingliż; barra l-minuti tal-Kunsill Rappreżentattiv ta' l-Università (KRS) li jżommuhom bil-Malti (iż-żgħar imexxu l-kbar!).

Mhux hekk fil-Libja u fil-pajjiżi fl-Ewropa u fl-Asja li ftaħna toroq ġodda jinfdu magħhom. F'dawn il-pajjiżi sitwazzjoni bħal din kienet titwaqqa' għaċ-ċajt, biex ma ngħidx kienet tkun dikjarata illegali meta dan l-għajb isir fl-uffiċini tal-Gvern stess.

Aħna nafu fejn sejrin jew ma nafux? Nafu xi rridu jew le? Nafu sewwa x'għandna nifhmu bil-kelma 'indipendenza'? Nafu li l-indipendenza politika waħedha mhix biżżejjed jekk magħha ma jkunx hemm ukoll l-indipendenza tal-karattru Malti mibni fuq l-identità nazzjonali tagħna? Kemm ser indumu naħarbu minna nfusna qisna s-seftura mir-raħal li biex tagħmilha tal-kbira, bħas-sinjura, taħbi min hi ommha u min hu missierha! Din insejħulha 'indipendenza'?

Fil-Libja ulied ir-residenti barranin, li jmorru biex jistagħnew,

huma obbligati jitgħallmu l-ilsien Għarbi. Rajt klassi ta' tfal Amerikani jaqraw l-Għarbi b'ħeffa! Anki jekk aħna ma naslux sa hawn, ma nistgħux għall-inqas naslu biex naffermaw b'mod aktar ċar l-istatus ta' l-ilsien Malti f'pajjiżna, l-aktar fost il-membri taċ-ċivil li, mhux inqas mt-tagħlim ta' l-Għarbi (u li biex jitgħallmuh intbagħtitilhom ċirkulari bl-Ingliż!) jeħtiġilhom tagħlim aqwa ta' ilsien pajjiżhom ħalli jistgħu jaqdu dmirhom aħjar mal-poplu Malti, l-aktar il-kotra tal-ħaddiema, fosthom ħafna bdiewa, li biex nuża kelma popolari ħafna llum, ma tidħolx fil-klassi ta' l-'elite'? U dwar il-Għarab, nies ta' lsien qawwi u storja kbira, ma nistgħux, barra nibnu u nsaħħu r-rabta tagħna magħhom fuq iż-żejt biss (interessi materjali) nibnuha wkoll fuq il-lezzjoni li jagħtuna bil-mod kif huma jafu jirrispettaw ilsienhom u f'pajjiżhom jagħtuh l-ewwel post fuq ilsien barrani?

Barra miż-żejt nistgħu nimpurtaw mil-Libja l-irġulija mill-pajjiżi Għarab. Din hi t-tagħlima li tgħallimt meta mort il-Libja.

Osservazzjoni oħra qabel nagħlaq: Bħalissa għandi f'idejja l-**Annual Report** (Adroddiad Blynyddol) għas-sena 1974-75, tan-National Library of Wales (Llyfrgell Genedlaethol Cymru). Parti minnu huwa bil-Welsh u l-bqija bl-Ingliż. Għaliex aħna l-Maltin aħna hekk diversi mhux biss mill-Għarab imma anke mill-Welsh, għalkemm dawn qegħdin fil-qalba ta' l-Ingilterra iżjed minna? Jidhrilna li wasal iż-żmien li kemm il-Gvern kif ukoll l-awtoritajiet ta' l-Università jaffermaw iżjed il-karattru Malti ta' l-Università tagħna. Ma jidhirlix li aħna xi ħaġa aħjar mill-Welsh li arthom hija biċċa waħda mill-istess art ta' l-Ingilterra.

Ġ. AQUILINA
Editur

---

# FARAĠ

*Meta xi ħadd għażiż imutlek,*
*Alla miegħu riedu*
*biex isabbruk igħidulek ħbiebek.*

*Mhux lakemm nemmen*
*li Alla f'daqshekk jindaħal,*
*dwar min igħix u min imut.*

*Imma nemmen,*
*nitħajjar nemmen,*
*għax jekk Alla ħabb lil min ħabbejt,*
*ħalli jieħdu,*
*u jien nitfarraġ*
*x'ħin nemmen*
*li Alla igħożż lil min għożżejt.*

ĠUŻE' DIACONO

# IFFRANKA L-FLUS

## Ix-xarba favorita tiegħek issa fi flixkun

# KBIR

( 10oz BOTTLE )

KINNIE

**L-AKTAR XARBA POPOLARI F'MALTA**



# LOQMA ĦOBŻ

*B'diqa u karba*
*loqma ħobż*
*kont tlabtek darba.*

*Iżda l-ħobż li ridt titmagħni*
*kien għadu lanqas biss*
*sar qamħ safrani.*

*U l-għalqa tiegħek*
*minħabba fija*
*flok żrajtha qamħ*
*baqgħet ħamrija.*

ĠORĠ BORG

# RAXX

*It-tfajla li niżlet sax-xatt*
*ġie r-raxx ta' l-imħabba fuq wiċċha*
*u ħolmot kif joħlom kulħadd.*

*'Mma meta l-mewġ għaja*
*u naqqas u naqqas fis-skiet,*
*il-ġibda tal-baħar intfiet.*

*U stenbħet it-tifla*
*mill-ħolma l'għaddiet.*

ĠORĠ BORG


Għażla kbira ta' kotba u rivisti lokalj u barranin issibuha

**fl-IDEAL BOOKSHOP**

**(Putirjal, faċċata tat-Terminus tar-Rabat, Għawdex**
**Telephone 76609)**

Lesti li nordnaw kotba li ma jkollniex u nagħtu skont sabiħ għal kwantitajiet.

# SINGER

**IL-MOD PRATTIKU BIEX TIFFRANKA L-FLUS**

Għand SINGER issibu għażla varjata ta' Magni tal-Ħjata, Refrigerators, Magni tal-Ħasil, Cookers, Televisions, Fannijiet u Radios. SINGER joffru prodotti ta' l-aqwa kwalità u jiggarantulkom servizz pront u efficjenti.

Araw dawn il-prodotti fiċ-Ċentri Singer u għand l-Aġenti f'Malta u Għawdex

**SINGER — għat-tħaffif tax-xogħol fid-dar**

# SAPIENZAS

## AĠENTI TA' GĦAŻLA SĦIĦA TA' KOTBA GĦAL KULĦADD

## SAPIENZAS

- STAMPAR
- "STATIONERY"
- KOTBA
- GAZZETTI

**SAPIENZAS**

**26, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA.**

**Telephone 25621**

**UNIVERSITY BOOKSHOP, L-UNIVERSITA' RJALI, MSIDA.**

**Telephone 36451**

# IL-LEĠĠENDA TAL-MALTIN ASSEDJATI FL-IMDINA

Ġ. CASSAR PULLICINO

Malta pajjiż ċkejken u fl-istorja mqallba tagħha ġarrbet ħbit u attakki li mhux biss jimlew lill-kotba ta' l-istorja miktuba imma wkoll iżewqu bi lwien tal-fantasija l-istejjer u l-leġġendi ta' niesna. Bosta minn dawn il-leġġendi storiċi għandhom x'jaqsmu mal-ħbit tat-Torok, meta dawn kienu jinżlu, jaħarqu l-uċuħ u jħarbtu djar u rħula, jekk ma jġorrux ukoll fil-jasar lill-irġiel u n-nisa li jaqgħu taħt idejhom. X'uħud minn dawn l-istejjer jirrakkontaw kif missirijietna ħelsu minn, u ħarrbu lit-Torok bil-għajnuna tal-Madonna, ta' San Pawl jew ta' xi qaddis ieħor, u din ix-xorta ta' leġġenda ssibha mxerrda f'ħafna bnadi sew ta' Malta kemm ta' Għawdex. Imma mbagħad hemm xorta ta' leġġenda li turina kif niesna daħqu bl-egħdewwa u ġagħluhom jitilqu bil-għaqal ta' moħħhom biss, dak il-ħażen li kull poplu jiftaħar li għandu minnu doża aqwa minn ta' ħaddieħor.

Il-leġġenda li se nitkellmu fuqha tissemma bil-miktub għall-ewwel darba mill-Ġiżwita Malti Girolamo Manduca (1574-1643) li fost ħwejjeġ oħra ħalla fil-Kulleġġ tal-Ġiżwiti f'Palermo manuskritt **Istoria Maltese, o sian Tradizioni sopra le notizie concernenti l'Isola di Malta!**[1] Liema kienu dawn it-tradizzjonijiet igħarrafna, fil-qosor, I.S. Mifsud fil-Ms. Nru 2 tal-Bibljoteka Rjali fejn naqraw (pp. 541-2) illi fl-1470 niżlu Malta 18,000 Mislem u wara li qatlu ħafna nies u ħarbtu l-gżira, dawru l-Imdina ". . . u billi ħasbu li setgħu jieħdu l-belt jekk jassedjawha, dawruha hekk tajjeb illi l-pajżani ma setgħux iktar joħorġu biex iġibu xi ħaġa mill-kampanja . . . u għalkemm kienu waslu fl-aħħar il-Maltin ta' ġewwa l-belt ma qatgħux qalbhom anzi, biex juru lill-għadu li m'għandhom bżonn ta' xejn, meta stednuhom biex iċedu, u bagħtulhom rigali ta' ħobż u ikel ieħor, il-Maltin irruftaw u reġgħu kollox lura, b'ż-żieda ta' xi ġbejniet friski sabiex igħarrfu li ġewwa l-belt kellhom biżżejjed minn kull ħaġa meħtieġa għall-ikel. Il-ġbejniet kienu għamluhom bil-ħalib ta' xi nisa, u fuq hekk l-egħdewwa qatgħu qalbhom . . ."

Dan li għedna nkiteb minn Manduca 'l fuq minn 330 sena ilu. Mitejn sena wara, daqs mitt sena ilu, il-leġġenda kienet għadha ħajja, għax fl-istorja tiegħu Castagna, waqt li jgħid fuq meta t-Torok ħabtu għal Malta fl-1427, kiteb: "Ma' tul dan iż-żmien, it-Torok biex juru lill-Maltin illi bis-sejf u b'ħilithom iridu jirbħu, u mhux bil-ġuħ, bagħtulhom tagħbija ta' ħobż b'rigal; iżda tagħna

biex juruhom li għandhom ħobż u biex jieklu wkoll, ġabru mal-ħalib tan-ngħaġ u l-baqar li kellhom, il-ħalib tan-nisa li kienu jreddgħu, u fuq kull ħobża li daħħlulhom it-Torok, għamlu ġbejna u reġgħu bagħtuhomlhom lura".[2]

Kelma b'kelma, tista tgħid, minn fuq Castagna insibu fl-1889 il-leġġenda mdeffsa fir-rumanz **Ineż Farruġ** ta' Anton Manwel Caruana.[3] Eqreb lejn żmienna Ninu Cremona wera li kien jaf l-istorja meta, mas-60 sena ilu, sewwa sew qabel il-Gwerra l-Kbira kiteb id-dramm storiku-pastorali **Il-Fidwa tal-Bdiewa** li baqa' Ms. sa ma deher stampat l-ewwel darba fl-1936. F'dan id-dramm, li fih sfond folkloristiku qawwi, insibu l-istess leġġenda mqiegħda f'ħalq Gwerrino, wieħed mill-għassiesa ta' Don Carlos, sid l-oqsma, meta lil sħabu tahom l-aħbar tan-nies magħluqa ġewwa s-swar fl-Imdina b'dawn il-versi:

*". . . dawk in-nies taqbida kellhom ħarxa*
*qabel ħaxkinhom ġo l-Imdina l-għadu.*
*L-għadu kien niżel f'dawk l-ixtut tan-naħa*
*l-oħra minn fejn tkun tielgħa x-xemx, u niżżel*
*eluf ta' nies mix-xwieni. Mill-irħula*
*ħarrab l-ibdiewa, battal djar u seraq,*
*kemm sab, għamara. Siġar qered, waqqa'*
*kemm-il ġebla sab wieqfa . . . . . . .*
*. . . . . . . u l-għadu*
*sabiex jiddieħak b'dawk in-nies magħluqa*
*ġewwa l-ħitan tal-belt bagħtilhom tagħbi*
*ta' ħobż għaliex bil-ġuħ ma jridx joqtolhom . . . . .*

*Il-ħobż, kif qalu, reġġgħu lura, u ġbejna*
*tan-ngħaġ imħallta bil-ħalib mis-sider*
*tan-nisa tagħhom bagħtu lill-egħdewwa;*
*u dan biex juru li bil-ġuħ imutu,*
*imutu jridu lkoll, 'ma l-qawwa tagħhom*
*bil-qilla ta' l-egħdewwa le titkisser".*[4]

S'hawnhekk l-istorja letterarja ta' din il-leġġenda Maltija. Il-motiv ewlieni huwa li l-Maltin, biex jeħilsu mit-Torok li kienu jassedjaw l-Imdina, bagħtulhom lura l-ħobż bil-ġbejniet fuqhom biex bħallikieku juru li ma jonqoshom xejn u għalhekk jistgħu jtawlu r-reżistenza tagħhom. Skond il-leġġenda, il-ġrajja setgħet kienet fis-seklu 15, i.e. jew fl-1427 jew fl-1470; u kif rajna, l-ewwel ma nkitbet fis-seklu 17, minn Girolamo Manduca, jiġifieri mitejn sena wara li suppost ġara dak li jirrakkontaw misserijietna.

Kieku kellna nieqfu Malta, ma kien ikollna xejn iktar xi ngħidu. Biss, l-istess motiv tal-ġbejniet niltaqgħu miegħu f'xi leġ-

ġendi li ngħabru minn xi postijiet fi Sqallija u li ġew studjati bil-għaqal mill-folklorista Sqalli Giuseppe Pitre'. Fil-Kalabrija wkoll tingħad storja dwar post jismu Sant' Agata li fiha, bħal f'dak ta' hawn Malta, il-ġlieda tkun mat-Torok. Din tal-Kalabrija tgħid hekk:

"Darba waħda niżlu t-Torok fuq ix-xtajta ta' Ravagnese, u jaħarqu w iħarbtu waslu sa Sant'Agata. Imma n-nies, li saru jafu bil-biċċa, kellhom żmien ihejju għad-difiża: u l-gvernatur ġegħelhom idaħħlu ġewwa s-swar kemm imrieħel u bhejjem kien hemm jirgħaw fil-kampanja. It-Torok billi ma setgħux jieħdu l-belt bl-assalt, ħasbu li jeħduha bil-ġuħ, u dawruha bl-assedju. In-nies tal-belt żammu bi qlubija kbira, u dejjem kienu jistennew li taslilhom l-għajnuna; imma l-ikel beda jonqos minn jum għal ieħor, il-gvernatur hawnhekk ordna li n-nisa kollha li kellhom it-trabi jinġabru fil-pjazza, u meta ngħabru kollha, fissrilhom il-ħsieb tiegħu li għoġob lil kulħadd. In-nisa ġabru l-ħalib tagħhom fi skutella mdaqqsa; sejħu wieħed ragħaj li mill-ħalib ħareġ ġobna sabiħa, u din il-ġobna xeħtuha bil-magna fit-tinda tal-kaptan tat-Torok. Dan ġabarha, u qal bejnu u bejn ruħu: "Jekk dawk il-misħutin għad fadlilhom daqshekk provvizjon biex jarmu ġobon tajjeb u frisk bħal dan, kollu ta' xejn li nibqgħu hawn biex naħlu ż-żmien." U ġegħelhom idoqqu t-trombi ta' l-irtirata; it-Torok telqu lura lejn il-bastimenti tagħhom u hekk Sant'Agata baqgħet salva."[5]

Qegħdin taraw kemm tixbah lil tagħna l-leġġenda tal-Kalabrija? Issa mmorru Sqallija. Hawnhekk iż-żmien tal-ġrajja mhuwiex żmien tat-Torok, iżda daqs mitejn sena qabel, u sewwa sew għandu x'jaqsam mar-rewwixta ta' l-Isqallin kontra l-Franċiżi li ġrat nhar il-31 ta' Marzu, 1282, u li baqgħet magħrufa fl-istorja bħala **I Vespri Siciliani.** Il-leġġenda tgħid hekk: "Fi żmien l-antik ġewwa Sperlinga kien hemm il-Franċiżi. L-Isqallin għamlu rewwixta, il-Vespro, mal-gżira kollha, imma dawk ta' Sperlinga ma ridux jafu u ngħalqu ġewwa s-swar. Waslu mbagħad l-iskwadri minn Palermo u dawru l-pajjiż: dawk ta' ġewwa ħadu l-ħalib tan-nisa, għamluh ġbejniet żgħar, u waddbuhom minn fuq il-Kastell biex juru li huma ma jistgħu qatt imutu bil-ġuħ: u daqqu l-qniepen tal-baqar u tan-ngħaġ biex bħallikieku hemm ġew kellhom merħliet kbar ta' baqar."[6]

L-istess storja tingħad f'Sciacca, fi Sqallija wkoll, imma bil-maqlub fis-sens li did-darba huma l-Franċiżi li dawru lill-belt bl-art u bil-baħar, u mhux Sqallin bejniethom. F'Castrogiovanni, imbagħad, provinċja ta' Caltanissetta, dejjem fi Sqallija, il-ġrajja tbiddel ix-xena u d-data. Il-Konti Ruġġieru kien ilu x-xhur jitħabat biex jieħu l-Fortizza. Meta ra li għalxejn, bagħat xi nies tiegħu biex bejn ihedhdu lin-nies tal-belt u bejn jaraw kif tista' ssir il-paċi. Dawk ta' Castrogiovanni, tgħid il-leġġenda, laqgħuhom bil-ħlewwa, mingħajr ebda biża', u wrewhom imniezel kbar ta' qamħ, li fil-fatt ma

kenux ħlief ramel bil-qamħ; u donnhom kienu żguri minnhom infushom, għax ma redux jagħmlu paċi. Imbagħad ġabru l-ħalib tal-bhejjem kollha, għamluh ġobon, u xeħtuh fuq l-għadu biex iġagħlu l-Konti Ruġġieru jerġa' lura mill-ħsieb tiegħu.

Fi żmenijiet qabel dan, żmenijiet klassiċi, insibu stejjer jixxiebhu li nkitbu dwar bliet assedjati u li jinqraw ukoll fil-kitba ta' Pitré li semmejna. Frontino jgħid li meta n-nies ta' Atene kienu mdawrin mill-Ispartani, kif ukoll meta r-Rumani kienu ġew assedjati mill-Galli ġewwa l-Campidoglio, għamlu l-istess bħal m'għedna iżda xeħtu, flok ġbejniet, il-ħbejżiet. Din ta' l-aħħar isemmiha wkoll il-poeta Latin Ovidio, fil-**Fasti** tiegħu. Wara li l-Galli ħadu Ruma, assedjaw il-Compidoglio u meta kienu għoddhom ħaduh bil-ġuħ, Giove, wieħed mill-allat tar-Rumani, qal lin-nies assedjati biex ilqamħ kollu li kien fadlilhom jagħġnuh u jagħmluh ħobż, u dawk il-ħobżiet jitfgħuhom fil-kamp tal-għadu biex juruhom li r-Rumani ma jirrendux bil-ġuħ. Fuq hekk il-Galli ħallew l-assedju u telqu.

Fiż-żmenijiet tan-nofs, il-Medju Evu, niltaqgħu ma' ħafna każijiet ta' assedji li fihom min ikun imdawwar mill-għadu jixħet minn fuq is-swar jew jitlaq jiġru fost l-għadu xi annimali biex jagħtu x'jifhmu li għad għandhom ikel biex jibqgħu jżommu għattul. L-Alessandrini telqu erħa fejn il-kamp ta' Federico Barbarossa; il-Konti Ottone u r-reġina Alelaide bagħtu ħanżir fil-kamp ta' Berengario; il-Kontessa Matilde ħalliet baqra barra l-kastell tagħha ta' Canossa, u hekk ukoll fis-seklu XIII kienu ħallew għoġol in-nies ta' Tlemcen, belt fl-Afrika ta' Fuq. Waħda mara minn Carcassona telqet qażquż fil-kamp ta' Carlo Magno, u bħal dawn issib eżempji oħra kemm trid.

Il-ħrejjef u l-leġġendi għandhom ħabta jitħalltu, iżidu ma' waħda biċċa minn oħra, u jibdlu l-inċidenti minn żmien għal ieħor b'mod li mhux la kemm taqbad tfisser kif dan it-tibdil sar, u għaliex. Fl-1485, iġifieri bejn wieħed w ieħor meta suppost li ġara l-fatt imsemmi fil-leġġenda Maltija li qrajna fil-bidu, ħareġ ktieb f'Napli li fih l-awtur, Francesco del Tuppo, żied xi stejjer ma' dawk ta' Esopo li hu qaleb bit-Taljan. Fost dawn waħda minnhom kienet din: "Wieħed żagħżugħ, kontra d-drawwa tal-belt tiegħu, ma riedx joqtol lil missieru xwejjaħ; imma żammu moħbi d-dar. Wara xi żmien il-belt, assedjata mill-eżerċtu tal-għadu, kienet għoddha ċediet bil-ġuħ; imma x-xwejjaħ, meta kien mistoqsi mit-tifel, ta parir illi jinxteħtu fuq l-għadu l-ħobż u l-ġobon. Hekk sar, u l-għadu belagħha li fil-belt kien għad hemm provvisti biżżejjed ta' l-ikel, u telaq minn hemm. Minn dak iż-żmien inqatgħet minn dik il-belt id-drawwa kiefra li joqtlu lix-xjuħ."[7]

Hawnhekk jidher ċar li l-motiv tal-ħobż u l-ġobon żdied biex bih tlaqqmet ħrafa li bil-fors kienet eqdem bil-bosta. Din il-ħrafa tinsab ukoll f'Malta u jagħtiha Patri Magri.[8] Fiha t-tifel flok joqtol 'il missieru, jagħalqu ġewwa għar u kien ta' kuljum imur jagħtih

x'jiekol u x'jixrob. Is-sultan jagħtih tliet biċċiet xogħol x'jagħmel inkella joqtlu, u kull darba dan jirnexxilu għax kien imur għand missieru fil-għar u x-xiħ igħidlu x'għandu jagħmel. Fl-aħħar is-sultan ried jaf mnejn ġieb dak l-għerf kollu, it-tifel qallu li ma kienx qatel 'il missieru, u s-sultan amar li minn dak inhar lix-xjuħ ma kellhomx joqtluhom iktar. Fil-ħrafa Maltija ma tissemma xejn il-biċċa tal-ħobż u l-ġobon, u lanqas ma jissemmew assedji jew Torok. Mhux ħaġa kbira li l-istess ħrafa, li tinsab imxerrda tista' tgħid ma' kullimkien, kienu jafuha wkoll f'Napli, u hemmhekk in-nies tawha ħajja ġdida billi żiedu magħha l-inċident jew motiv tal-ħobż u l-ġobon. Għax il-poplu dejjem ifittex jagħti r-raġuni ta' kull ma jiġri, u l-għerf tax-xjuħ hija ħaġa wisq għal qalb il-poplu.

Minn dan kollu li għedna jista' wieħed jasal biex igħid, kif qal Pitré, illi l-egħruq ta' dawn ir-rakkonti ma jistax ikun li ma humiex mibnijin fuq fatt veru, kif ħafna drabi huma mibnijin il-leġġendi storiċi, għalkemm mibdulin u sfurmati. Il-bniedem meta jsib ruħu f'ċerti ċirkostanzi jixxiebhu, ħaġa waħda u l-istess jaf jagħmel, kullimkien. Jingħad li fl-1849, meta l-Awstrijaċi kienu qed jassedjaw Venezja, ġara li f'Malghera wieħed fizzjal Awstrijak resaq biex igħidilhom iċiedu. Żammewh fil-fortizza sakemm il-gvern jagħti r-risposta, u sadattant il-Ġeneral Ulloa lestielu kolazzjon b'serduk mixwi u flixkun xampanja. Il-fizzjal qallu: "Kif? għadkom tieklu s-sriedek u tixorbu x-xampanja? Mhux kif igħidu mela, li tinsabu neqsin minn kollox!" "Kaptan", qallu l-ġeneral, "jekk trid xi tużżana sriedek jew fliexken minn dawn, noffrihomlok b'qalbi kollha". Fil-fatt, dak is-serduk kien l-ikla kollha tal-ġurnata li kellu l-ġeneral; dak il-flixkun ma kienx hemm ħliefu, u l-ġeneral dak in-nhar fil-għaxija kellu jmur jorqod bl-istonku vojt".[9] Issa hawnhekk għandna tista' tgħid l-istess storja. U aktarx li meta sab ruħu f'dik iċ-ċirkostanza, li tista' tiġri lil kulħadd kullimkien fejn ikun hemm assedju, il-ġeneral ġietu f'moħħu jagħmel kif għamel biex ma jurix li għandhom in-nuqqas fil-fortizza.

Din l-istrataġemma hija komuni ħafna. Malta stess, fi żmien il-Franċiżi għandna fit-tradizzjoni t-tifkira ta' xi ħaġa bħalha. Igħidu li Ċensu Borg, "Braret", li kellu f'idejh il-kamp u l-batterija tal-Għargħar, fuq il-għolja bejn B'Kara u Tas-Sliema jew San Ġiljan, ħa ftit nies milli kellu madwar San Ġwann tal-Għargħar, dik il-knisja żgħira li tinsab f'dik il-quċċata, ġegħelhom jiġbru l-midriet li sabu u joqogħdu erbgħa erbgħa wara xulxin, kull wieħed bil-midra fuq spalltu bħala xkubetta. Imbagħad qagħad idawwar lil dawn l-istess ftit nies madwar il-knisja ħalli jħasseb lill-għadu li kien għaddej rigment ma jispiċċa qatt ta' suldati Maltin armati.[10] U l-istess f'Għawdex, darba jgħidu li kien hemm xi suldati Franċiżi telgħin minn Marsalforn, meta xi bdiewa ntefgħu fuqhom bl-imdieri bi tliet ponot f'idejhom. Il-Franċiżi ħasbu li dik kienet xi arma ġdida, u tant beżgħu li telqu jiġru b'saqajhom

wara daharhom.[11]

Mela dan kollu juri li storja bħal din tista' titnissel minn xi ħadd li fis-siegħa u l-ħin jaħsibha kif għandu jagħmel biex jidħaq bil-għadu. Imma min-naħa l-oħra ma ninsewx li l-istejjer u l-leġġendi, dari kif ukoll illum, jimxu u jaqsmu l-fruntieri w l-ibħra, u jinbidlu xi ftit ukoll minn pajjiż għal ieħor. Naraw ftit fejn ma taqbilx sewwa l-leġġenda Maltija ma' dawk li semmejna minn Sqallija u Calabria u postijiet oħra. Dawn huma kollha ippernjati jew fuq il-biċċa tal-ġbejniet jonkella, flok il-ġbejniet, il-ħbejżiet. Issa hawn Malta għandna motiv li biex ngħid hekk huwa tagħna biss. It-Torok, donnhom bi spirtu kavalleresk, biex juru li ma jridux joqtluhom bil-ġuħ, jibagħtu tagħhi ħobż lill-Maltin magħluqin ġewwa l-Imdina, u l-Maltin, biex juru li kellhom biżżejjed x'jieklu, ireġġgħulhom lura l-ħobż, u fuq kull ħobża jqiegħdu ġbejna. Kif ġiethom din l-idea ma tistax tgħid malajr, imma għandu mnejn li billi niesna sa żmienna jħobbu jieklu l-ħobż bil-ġbejna, misserjietna għoġobhohm idaħħlu dak il-motiv biex aktar l-istorja jġibuha qrib is-sewwa. Min-naħa l-oħra, l-istorja ta' dak li ġara fi Sqallija fil-**Vespri Siciliani** għandu mnejn kienu ilhom li saru jafu biha l-Maltin minn xi suldati Sqallin li kienu ġew iservu Malta, jonkella b'xi kuntatt ieħor ma' Sqallija.

Hawnhekk jista' xi ħadd iqanqal id-dubju serju jekk wara kollox, il-leġġenda tagħna għandhiex titqies bħala ħaġa ġenwina tal-poplu. Jekk noqogħdu naraw sewwa, insibu li din hija leġġenda miktuba, u rajna kif nies letterati ħadu wieħed mill-ieħor u wasslu l-istorja mis-seklu 17 sal-lum, mingħajr lanqas varjanti wieħed sostanzjali. U barra l-kittieba li semmejna, donnu li l-leġġenda Maltija ma baqgħetx ħajja fil-moħħ tal-poplu, li soltu ħaġa bħal din tkun għal qalbu, igħożżha u jgħaddiha minn ġenerazzjoni għal oħra. Dan id-dubju donnu jissaħħaħ minħabba fatt ieħor li se nsemmi issa. L-istess Manduca li kiteb il-leġġenda għall-ewwel darba, malli jispiċċa mill-istorja, iżid igħid hekk: ". . . . b'danakollu, billi ma setgħux jispiċċaw l-assedju, meta sabu ruħhom ikkunsmati u meqrudin, il-Maltin għamlu wegħda universali li kull sena jagħmlu, bħas-snin kollha li ġejja, purċissjoni ġenerali talkleru kollu regolari u sekolari, bil-kumpaniji tal-gżira kollha, fl-iktar knisja 'l bogħod ta' Malta, kif għadu jsir sal-lum, b'wegħda, ta' kull sena, fil-festa, ta' San Girgor, billi dak huwa l-iktar żmien komdu tas-sena . . . ." Mela Manduca stess igħaqqad it-tradizzjoni mal-leġġenda, tradizzjoni li jwettaqha Mons. Duzina fl-1575 fil-Vista Pastorali tiegħu meta jgħid li x-xjuħ kienu qalulu li l-purċissjoni ta' San Girgor kenet issir b'wegħda ta' meta l-Maltin ħelsu mit-Torok. Issa ġeneralment insibu li fejn hemm tradizzjoni ta' xi ħaġa li ssir b'wegħda, it-tifkira tibqa' ħajja u bla mittiefsa għal mijiet ta' snin, u l-interċessjoni tal-qaddisin jew tal-Madonna ma teżistix magħquda flimkien ma' leġġenda oħra, biex ngħid hekk

profana, bħal mhi l-istorja tal-ġbejniet.

Hi x'inhi dawn huma kollha fehmiet li kull waħda tista' tkun minnha, imma liema sewwa ma nistgħux ngħidu. Għall-qarrejja naħseb li jkun biżżejjed li jafu li hawn Malta għandna din il-leġġenda li, fil-qalba tagħha, hija sabiħa u tgħaqqadna ma' tradizzjoni mxerrda u qadima sa miż-żmenijiet klassiċi. It-tama tagħna hija li stejjer oħra bħal dawn jitfakkru biex wara jkunu jistgħu jiġu studjati bir-reqqa bħalma ppruvajna nagħmlu hawnhekk f'din il-kitba.

1 Ara I.S. Mifsud, *Biblioteca Maltese* 1764 p. 214.
2 P.P. Castagna, *Lis-Storia ta' Malta bil-Gzejer tahha* (It-Tieni Darba — 'Storia Politica' 1890 p. 143.
3 Ara l-edizzjoni annotata mill-Prof. Ġ. Aquilina (tielet ħarġa, stampat mill-ġdid fl-1968) p. 103. It-tieni edizzjoni ta' dan ir-rumanz ħarġet fl-1912 u kien deher ukoll, biċċa biċċa, fil-ġurnal *L'Unioni Maltija* taħt l-isem *Ix-Xebba ta' Ħal Far* bejn l-1919 u l-1920.
4 A. Cremona, *Il-Fidwa tal-Bdiewa,* Tieni Edizzjoni, 1948, p. 165.
5 Ara l-istudju ta' G. Pitrè, *La Leggenda delle città assediate in Sicilia* fil-ktieb tiegħu "Studi di leggende popolari in Sicilia e nuova raccolta di leggende siciliane" Volume Unico. Torino, 1904, pp. 180-181.
6 *Ibid.* p. 178.
7 *Ibid.* p. 181.
8 M. Magri, S.J. *Ix-Xiħ midfun ġol-Għar,* fil-ġabra *Ħrejjef Missirijietna* stampati mill-ġdid fl-1967, pp. 118-122.
9 G. Pitrè, *op.cit.* p. 187.
10 E.B. Vella, *Storja ta' Birkirkara bil-Kolleġġjata Tagħha.* 1934, p. 283.
11 J. Cassar Pullicino *The French Occupation in Maltese Tradition* f'"The Sundial" Vol. 4, No. 8 (1948), p. 31.

---

# LILL-BAJJA TA' SAN TUMAS

Qajla fil-ħemda ta' lejla sajfija,
Hemm qalb il-wileġ biswit San Tumas,
Tinżel ix-xemx u tixgħel ħamranija
L-għolja, u warajha togħdos kollha ngħas.

U ġewwa l-għabex imżewwaq b'elf dija,
Bħal ikun wasal il-ħin ta' l-għarrâs,
Isqra fil-għoli jduru geġwiġija,
Friefet egħfiered iħufu bla ras.

Hekk kont ħlomtok San Tumas fit-tfulija,
Meta f'għajnejja ċkejknin kont għożżejtek,
U ġrejt f'kull għalqa, tqallibt f'kull ħamrija.

Dort ma' kull radda qalb qarsu w għollieq.
San Tumas ibqa' kif darba ħabbejtek
Meta f'żiffitek fhimt nifs il-Ħallieq.

RAYMOND VELLA

# FRANĠISKU SAVERJU CARUANA

J. P. VELLA

Dejjem staqsejt lili nnifsi kif kellu jgħaddi ħafna żmien qabel nintebaħ li zijuwi kien dilettant tal-Malti. Dejjem żammejtu bħala dilettant għax qatt ma kelli ħjiel ta' dak li kien għamel snin qabel meta l-Malti ma kienx meqjus bħala l-ilsien uffiċjali tagħna. Kemm domt nistudja l-Liceo, ebda surmast tal-Malti ma semma lil F.S. Caruana; il-grammatika li kiteb u x-xogħol li għamel bħala l-ewwel Segretarju ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti qatt ma ġew f'idejja, u l-unika ħaġa li kont naf kien li huwa għal xi żmien għallem il-Malti fil-Liceo u kien traduttur il-Qorti. Lili qatt ma kellimni fuqu nnifsu; imma llum li l-kotba, il-manuskritti u xogħol ieħor tiegħu għaddew għandi, inħoss li F.S. Caruana huwa wieħed mill-aktar li stinkaw għall-Malti u wieħed mill-anqas imsemmija. U nara żewġ fatturi. Kien bniedem riservat, u ma nsibx aħjar mill-ftuħ ta' artiklu li deher fil-"Berqa": "Għadu tat-tlablib u tal-frugħat żejda, Saver Caruana dejjem ħadem bejn erba' ħitan, bil-lejl u bin-nhar, waħdu, jew ma' xi ħbieb tal-qalb, biex jara l-Ilsien Malti miexi 'l quddiem"[1]. Mill-banda l-oħra, għaliex Caruana rtira hekk bikri mill-ħidma tiegħu? Tgħid, għamlulu xi azzjoni ħażina? Ngħidu aħna, fi ktejjeb żgħir maħruġ fl-1932 mill-Għaqda tal-Malti (Università) ismu biss ma jidhirx meta jissemmew il-membri ta' l-ewwel kumitat tal-Għaqda tal-Malti[2].

**L-Ewwel Ħtieġa**

Bħalma jistqarr hu stess f'manuskritt li sibt fost il-kotba tiegħu, Saver ma felaħx jara l-Malti jinkiteb b'mitt mod minn dawk stess li kienu jħobbuh. Studju tal-kitba ta' Cuschieri, ta' Cachia u ta' Mons. Galea, biex insemmi tlieta, juri li l-istess ħoss kien miktub differenti u meta x-Xirka Xemia ma baqgħetx aktar f'saħħitha, il-kitba bil-Malti aktar marret għall-agħar. U kien sewsew Saver li għamel talba lil dawk kollha li jħobbu l-Malti biex jingħaqdu flimkien. Li dak **X. C.** li kiteb fil-**Ħabib** kien F. S. Caruana, il-lum ma jiċħdu ħadd. Kellu 20 sena meta huwa għamel appell għal Għaqda biex tara li l-kittieba kollha tal-Malti jużaw ortografija waħda, u biex tqajjem u xxerred il-kitba tajba bil-Malti[3]. L-istess, l-ewwel President ta' l-Għaqda jistqarr li "kien wieħed żagħżugħ ta' fehma tajba (is-Sur Saver Caruana) li beda jsus warajja u wara l-kittieba l-oħra tal-Malti biex nixxierku bejnietna"[4]. M'iniex ser nidħol fid-dettalji ta' kif bdiet l-Għaqda għax fuq dan inkiteb biżżejjed minn studjużi u minn studenti f'dawn l-aħħar żminijiet meta l-Malti ħa postu sewwa fl-Università. Irrid biss nitfa' ftit aktar dawl fuq il-ħidma moħbija ta' Caruana, għax nistqarr li dan l-aħħar jiena

stess staqsejt lil xi studenti, jekk jafux b'F. S. Caruana, u t-tweġiba fil-biċċa l-kbira nett kienet "Mhux dak li kitiblu poeżija Rużar Briffa . . . ?" Anzi mmur pass 'il quddiem u nistqarr li meta dan l-aħħar slift kopja tal-Grammatka ta' F. S. Caruana lil għalliem, qalli li sabha ta' użu kbir fil-kontenut konċiż u metodiku tagħha, imma qabel qatt ma kien sema' biha.

## L-ORTOGRAFIJA

Ix-xogħol li kellha l-Kummissjoni mqabbda mill-Għaqda kien li toħroġ grammatika mibnija fuq l-ortografija li kellha tkun is-sies tal-kitba Maltija ġdida. U sewsew fil-kamp ta' l-ortografija Saver l-aktar li ħadem. F'**Il-Ħabib**" tal-21-2-23, u ta' ħames ħarġiet ta' wara, hemm sensiela ta' artikli ffirmati minn **S** (u hemm taħthom il-firma ta' zijuwi, F. S. Caruana) imsemmija "Kif tikteb tajjeb bil-Malti". Ser nikkwota r-regoli ewlenija li jagħti, u wieħed jista' jara minnhom kif Saver bena s-sisien ta' l-ortografija tal-lum.

"Billi l-Malti huwa lsien orjentali, għalhekk il-grammatika tiegħu għandha tkun mibnija fuq grammatika orjentali u għalhekk l-ewwel regola hija:

(i) li kull leħen għandu jkollu għalih ittra waħda;

(ii) li kull sillaba ma jistax ikollha aktar minn vokali waħda; kull sillaba jrid ikollha vokali bilfors;

(iii) l-Għerq li fuqu hija mibnija l-kelma Maltija hu dejjem ittra konsonanti u qatt vokali;

(iv) fit-tiswir tal-kelma, il-konsonanti ta' l-għerq jibqgħu dejjem wara xulxin kif inhuma;

(v) fit-tiswir tal-kelma, il-konsonanti ta' l-għerq jibqgħu dejjem l-istess[5].

Dawn ir-regoli huma l-istess il-lum bħalma kien fi żmienu u għalija hu misteru kif Saver Caruana huwa aktar magħruf bħala Segretarju ta' l-Għaqda, bħalli kieku kien xi skrivan, milli studjuż tal-Malti. Li dan mhux minnu jixhduh Ivo Muscat Azzopardi, li jsejjaħ lil Caruana "l-isħeħ kolonna li fuqu nbena l-Malti"[6], u l-istess Dun Karm, li fit-tmiem ta' l-**Oqbra** jikteb: "Ma rridx imbagħad ninsa lis-Sur F. S. Caruana, is-Segretarju ħabrieki tal-Għaqda, li għoġbu jaqra l-provi, u jagħti d-daqqa ta' l-imgħallem fit-tiswija tagħhom"[7].

## BIDU IEBES

Dnub li l-Gvern ressaq u għadda r-riforma fl-Istatut ta' l-Università, li jagħmel lill-Malti lsien uffiċjali, ftit ġimgħat wara l-mewt ta' Saver, għax kieku żgur li ħaġa bħal din kienet tferrħu mhux ftit. Għax Caruana, flimkien ma' l-ewwel ġellieda għad-drittijiet ta' lsien

art twelidna, ra ma' wiċċu ferm. Biżżejjed naraw x'kiteb hu u x'kiteb ħaddieħor. F'manuskritt mhux ippubblikat jistqarr: "Ma nistax ngħid li l-poplu mill-ewwel laqgħu b'idejh miftuħa t-**Tagħrif.** Dan kien jitbiegħed xi ftit minn kif kien imdorri jikteb bil-Malti. Għall-ewwel kien hemm ħafna min ikkumbattih: biċċa mħabba l-politika u biċċa wkoll bla ħażen"[8].

U sewsew fost dawk li kkumbattew il-Malti kien hemm l-istess gradwati ta' l-Università tagħna li, fir-**Rassegna Mensile di Cultura,** bkew id-dħul tal-Malti u pprotestaw bis-sħiħ dwar l-effett li l-Malti kien ser ikollu fuq it-tagħlim tat-Taljan, u b'sentimentaliżmu romanesk kitbu: "O Lingua Nostra, bella perchè sei bella, bella perchè sei la lingua più melodiosa del mondo, bella perchè sei la lingua con cui hanno parlato i più grandi santi . . ."[9]

Imma wieħed irid ikun prattiku u rejalistiku. U sewsew dan li kien Caruana, għax meta ra li x-xogħol li kienet għamlet il-Kummissjoni kien tekniku u xjentifiku wisq, inxteħet biex jikteb grammatika li fl-opinjoni ta' ħafna għadha ta' l-akbar siwi llum, għax ħi tassew ta' idejn il-poplu. Dan jixhdu Ġużè Muscat Azzopardi li hekk kiteb dwar il-**Grammatika u Ortografija tal-Malti fil-Qosor:** "xogħol sabiħ — u sabiħ għal darba. . . għalkemm grammatika qasira u ħafifa, li wieħed jista' jitgħallimha bl-amment f'ġimgħa, sħiħa u mogħnija b'kull ma jinħtieġ"[10].

Caruana, għalkemm dan ftit jafuh, huwa l-kittieb ta' l-ewwel grammatika fuq is-sistema moderna li setgħet tingħata f'idejn l-istudenti; tant hu hekk li f'**Leħen il-Malti (Università),** ta' l-1932, l-Editur igħid: "min irid jitgħallem jikteb bl-alfabett u bl-ortografija tagħna, inħajruh jaqra l-**Grammatika u Ortografija fil-Qosor** miktub minn F. S. Caruana u stampat ftit xhur ilu fl-Empire Press, fejn tinbiegħ"[11].

Mingħajr ma rrid noffendi lil ħadd kienu dawn il-passi u dawk tal-bennejja l-oħra tal-Malti ta' żmien Caruana, bħal Ġużè Muscat Azzopardi, Dun Karm u Ninu Cremona, biex insemmi tlieta, li taw lill-Malti l-qawmien . . . dak li qiegħed isir illum huwa t-tieni qawmien . . . u qawmien aktar faċli għax f'dak iż-żmien Malta ma kinitx indipendenti; biżżejjed wieħed jaqra l-korrispondenzi li jidhru f'**Il-Malti** u f'**Leħen il-Malti (Università)** biex jara kemm kienet iebsa t-taqtigħa.

Fi żmien sentejn inbiegħu madwar 2,000 kopja u l-ktejjeb ra tliet ħarġiet. F'kopja personali tiegħu, hemm imniżżla noti grammatikali; dan jixhed li Saver baqa' jistudja l-ħin kollu, u barra li kien għallem il-Liceo u għamel żmien twil interpretu l-Qorti, kiteb "Xi Verbi Maltin bis-Suriet Imnissla Tagħhom", "Verbi bl-GĦ fil-Bidu u Verbi bl-GĦ jew H fin-nofs" u "Verbi bl-GĦ fl-Aħħar u Verbi Neqsin" (12).

Kiteb xi kotba żgħar u ttraduċa wkoll xi rumanzi, waqt li milli jidher għal xi żmien kien jiddelitta bil-palk għax kiteb xi tliet farsi,

li għadhom manukritti għandi. Imma, bħala Direttur ta' l-Empire Press, fejn kienu jiġu ppubblikati l-kotba bil-Malti, huwa kien jagħmilha ta' qarrej tal-provi tal-kotba kollha u jagħti d-daqqa ta' l-imgħallem.

## XI POEŻIJI

Wieħed mill-fatturi li ħorsi għenu, f'sens negattiv, biex Caruana ma jissemmiex kien li Caruana ma jidhirx f'antoloġiji, ħlief dan l-aħħar fil-**Muża Maltija** tal-Prof. Ġużè Aquilina. Caruana qatt ma kiteb poeżiji kbar; l-aħjar huma dik l'Il-ħabib tiegħu, Rużar Briffa, u dawk li kiteb taħt "Foska, S, FC, FSC u FS. Caruana". Pero' kienet il-kitba tal-poeżija li l-ewwel ħabbitu mal-Malti. Kien jikteb f'**Il-Ħabib**, f'**Il-Ħabbar** u fil-Pronostku. U beda bil-poeżija lirika, flimkien ma' Briffa, imma qatt ma ġabarhom fi ktieb. Jiena issa għandi l-pitazz persunali tiegħu, fejn f'kull faċċata hemm poeżija; hemm l-awtobijografija tiegħu, għax wieħed jara l-imħabba li kellu lejn il-fidi, il-ġenn għall-ilsien Malti, u nota pessimistika li ħorsi wasslitu biex jinqata' mis-soċjeà tant bikri.

F'poeżija "Marija" jitniehed:

*Meta msawwat u imbicchi min xortija,*
*Magħfusa bid-duejjak tcun ruħi seuua*
*Il-ħelu ismec jhennini, oh Marija.*

Kellu 18-il sena meta kiteb din, u sa l-1923 kien kiteb 42 poeżija; wara beda jnaqqas sewwa, għalkemm f'dan il-perijodu nsibu żewġ poeżiji ħelwin, waħda fuq l-ilsien Malti:

*Il-Malti xejn minn dana: il-Malti huwa ilsien*
*Bħall-ilsna l-oħra kollha li nġabar ma' kull żmien,*
*Sabiħ: B'egħruq xemija u mżejjen bi kliem ġdid*
*Li sebbħu u għamlu għani, tah xeħta minn ta' mqit.*

U l-oħra lil Rużar Briffa, fejn jistqarr:

*U qbilna sa fil-ħsieb li jqabbel moħħna.*
*U qbilna fit-tbissima ta' xoffitna,*
*U qbilna fit-tektik ta' ġo sidirna,*
*U qbilna sa fix-xejra ta' mħabbitna.*

*U għadda ż-żmien, 'ma l-għanja baqgħet fina:*
*Il-għanja ħelwa, l-għanja taż-żgħużija,*
*U għad li ma stajniex niktbuha dejjem*
*Ġo qalbna twieldet . . għexet bla tbatija.*

U wara ftit, huwa jikteb . . . "il-Muża raqdet fija". Iżda l-aħħar poeżija li kiteb "Il-Pepprina" tagħtina xi ħjiel ta' misteru li għalija u għal ħafna bħali għadu misteru. Fil-poeżija, Saver ixebbah lilu nnifsu mas-suldat mhux magħruf, u sewsew kien f'dak iż-żmien li ħareġ il-ktejjeb żgħir mill-Għaqda tal-Malti (Università) fejn ismu mhux imsemmi ma' dawk li kienu ffurmaw l-ewwel Għaqda tal-Malti u l-Kummissjoni.

**JINĦEBA**

Ili nistaqsi lil ħafna jafux ir-raġuni għaliex Saver inqata' għalih waħdu. B'xorti ħażina l-bniedem li kien jafu jafu l-aħjar huwa Ninu Cremona, imma s-Sur Nin, bir-raġun kollu u dan stennejtu, ma kienx weġibni.

Jiena nista' ngħid li zijuwi kien bniedem tal-familja, u barra minn ommi, ħadd minn ħutu ma kien iżżewweġ, u għalkemm iż-żewweġ, u, għalkemm iż-żgħir fosthom, kien, biex ngħid hekk, missierhom. Ħutu kienu ftit u xejn magħluqa fihom nfushom: oħtu ż-żgħira mietet bikri, u dan il-fatt kien tah ġewwa ħafna; oħra kienet marida fit-tul, u Saver kien jieħu ħsiebha. Qalgħu wkoll daqqa ta' ħarta meta ċallew it-titli russi u ċiniżi, u tista tgħid li fqaru.

Iżda dan il-fatt ma hux tweġiba għalija li ġġegħelni nieqaf hawn. Wallace Gulia hekk kitibli, fost ħwejjeġ oħra, dwaru: "F'moħħi dejjem baqa' punt kurjuż: Għaliex dan il-bniedem li kien ewlieni fit-twaqqif ta' l-ortografija xjentifika tal-Malti, donnu nqata' għalih minn sħabu ta' żmienu u baqa' biss persuna li tissimpatizza iżda taħdem ftit jew xejn u ċertament mhux biex tibni isem għaliha nfisha? It-tweġiba ma nistax nagħtiha jien. Ikun interessanti ħafna kieku kellna nafu għaliex". Naqbel miegħu.

Imma s'issa ma nafx. U meta staqsejt, min qalli li għajnejh kienu batuta u min qalli li kien ta' fommu sieket wisq. Imma, u hawn ma rrid nitfa' dell fuq ħadd, bniedem li kelli suspett li darba kellu xi jgħid ma' Saver, bla ma ried kixef lilu nnifsu x'ħin qalli, meta tajtu l-aħbar ta' mewtu ". . . u Saver ma kienx xi wieħed mill-kbar fil-Malti".

Jisgħobbini li ser nagħlaq fuq nota xejn ferrieħa. Imma sa dan il-mument li qiegħed nikteb, għadni konvint li xi ħadd minn ta' ġewwa fil-Malti għamillu azzjoni ħażina, u zijuwi ta' bniedem ġwejjed li kien, irtira fih innifsu. Iżda l-fatti jixhdu li Saver kien xi ħaġa fil-qawmien tal-Malti.

Il-Professur S. Zarb jagħlaq it-tifkira tal-mewt ta' F.S. Caruana billi jistqarr li "l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti ħarġet mill-moħħ u mill-qalb tal-qatt minsi Franġisku Saverju Caruana, megħjun mill-akbar u mill-aqwa kittieba tal-Malti".

U s-Segretarju ta' l-Akkademja tal-Malti kiteb hekk fil-mewt tiegħu: "għax aħna lis-Sur Caruana konna nirrispettawh mhux biss għal għerfu, imma wkoll għax kien jaqsam magħna, jew aħjar, aħna konna sħabu, l-idejal qaddis li ssokta stagħna wirt artna u għen ħafna biex għamilha nazzjon, liċ-ċkejkna Malta tagħna."

(1) *Il-Berqa,* 24 ta' Awissu 1937.
(2) *Tagħlim il-Malti fl-Imgħoddi u l-Lum,* Lux Press, 1932.
(3) *Il-Ħabib,* 21.9.20.
(4) *Il-Malti,* it-Tielet Ktieb, p. 65, 1925.
(5) F.S. CARUANA, *Kif Tikteb Tajjeb bil-Malti, Il-Ħabib,* 1923.
(6) IVO MUSCAT AZZOPARDI, *Gazzetta tal-Kumunità Maltija fl-Eġittu* (id-data u l-paġna ma jidhrux fis-silta).
(7) DUN KARM, *L-oqbra,* Stamperija tal-Gvern, 1936, p. 63.
(8) F.S. CARUANA, Manuskritt personali mhux ippubblikat.
(9) *Malta Letteraria — Lingua nostra,* Empire Press, 1932, p. 173.
(10) *Il-Malti,* l-ewwel ktieb, 1925, p. 20.
(11) *Leħen il-Malti* (Università), No. 17, 1932. p. 12.
(12) Kotba ppubblikati fl-Empire Press fl-1934.

---

# HALLUNI NDUR U NAGĦQAD

*Ħalluni ndur u nagħqad*
*fl-ilma qiegħed ta' madwari.*
*Tajtuni tazza biex nixrob mingħajr tbatija,*
*tajtuni mgħarfa biex niġbor il-ħama.*

*'Tuni folja karta mħażża,*
*karta vojta u għiduli x'għandi nħażżeż fuqha.*
*Aqbduli idejja biex għall-ħeffa*
*tgħinuni npinġi kwadru jogħġob lilkom.*

*Ħudu biċċa ċarruta u libbsuni*
*bl-aħmar jew bil-blù, iswed, liema jogħġobkom.*
*Geżwruni u armuni,*
*għall-anqas ritratt għall-memorja.*

*Għandi għal xix nifraħ li*
*ma ħadtulix moħħi u qalbi*
*li m'għaraftux li qegħdin hemm*
*ħaġa waħda ma' ġismi.*

ANNE MARIE BRINCAT

# L-GHOĠOL TAD-DEHEB

*Int u sejjer lejn Ta' Pinu,*
*Bejn il-Għarb u Ta' Għammar,*
*Meta tkun ħallejt ir-Rabat,*
*U għaddejt sa l-aħħar djar —*

*Max-xellug egħlieqi tħaddar,*
*Jew maħduma u lesti għaż-żrigħ;*
*Mal-lemin għoljiet miġmugħa*
*Taż-Żebbuġ għal fuq ir-riħ —*

*Ħarstek taqa' żgur fuq għolja*
*Donnha ħobża mfella b'mus,*
*L-ewwel fost l-għoljiet li taqbad:*
*Din hi l-għolja Ta' Gelmus.*

*L-aktar meta x-xemx tolqotha*
*Bid-dawl tagħha, l-għolja ddub*
*Qisha f'deh'b, timtela mrieżaq:*
*Issir dehra thenni l-qlub.*

*Mhux ta' b'xejn illi minn dejjem*
*In-nies ħasbet li f'Gelmus*
*Hemm moħbija qalb it-tafal*
*Xi minjiera, deh'b bir-rfus.*

*Imma ħlief bidwi Żebbuġi*
*Deh'b hawn ħadd ma kixef qatt;*
*U kif dak li nstab intilef*
*Sal-lum għadu ma jaf ħadd.*

*Dan il-bidwi kien qed jaħdem*
*Għodwa waħda fuq Gelmus*
*F'roqgħa t'għalqa, ful miżrugħa,*
*Waħdu jnaqqi l-budebbus.*

*Forsi kien ukoll dal-bidwi*
*Jaħseb fuq id-deh'b f'Gelmus?*
*Xejn tistagħġeb għax fuq l-għolja*
*Taqbdek ir-regħba tal-flus.*

*Hu x'inhu, l-imgħażqa tiegħu*
*Laqtet l-iebes, u mhux blat,*
*Sama' ħiereġ ħoss barrani:*
*"Da' x'ikun?" għajjat skantat.*

*Dlonk b'idejh farfar it-trab;*
*Niżel għarkobbtejh mistagħġeb;*
*Ħass metall kiesaħ taħt idu:*
*Naddaf sew u ra x'kien sab.*

*Għax fix-xemx minnu bdiet ħierġa*
*Dija li għammxitlu għajnejh:*
*Sab id-deh'b! Qabditu r-rogħda*
*Jaħseb f'daqshekk ġid f'idejh!*

*Qam malajr; ħares madwaru:*
*'L hemm igħarrex ma ra 'l ħadd;*
*It-trab ġabar u xi werqaq,*
*Battam l-art u l-ħofra sadd.*

*Baqa' jħawtel f'ħaġa u oħra*
*Biex fil-għajn wisq ma jagħtix;*
*Fl-aħħar libes is-sidrija,*
*U mn'hemm telaq bla tferfix.*

*Fuqu qisu deni kellu,*
*Ħassu mbikkem, u bħal xrar*
*Minn għajnejh donnu ħass ħiereġ;*
*Martu, x'ħin wasal id-dar.*

*Għajnha għokritha. Meta, wara,*
*F'nofs ta' lejl iħalli l-kenn*
*Tad-dar ratu u joħroġ, ħasbet*
*Li kien taħ xi ferħ ta' ġenn.*

*"Fejn int sejjer?" dlonk staqsietu.*
*"L-għalqa", qallha u ħa l-baqqun.*
*"L-għalqa x'sejjer tagħmel?" għajtet.*
*"Issa nara l'int miġnun!"*

*Imma hu ħalqha saddilha*
*Minnufih, u l-għalqa mar;*
*Reġa' l-moħba tiegħu kixef,*
*U ta daqqa t'għajn madwar.*

*Kien id-dawl ta' qamar, kollox*
*Qisu jgħum fis-ħarijiet:*
*Siġar tal-ħarrub u bajtar*
*U xi rziezet fuq l-għoljiet.*

*R'hom bħal donnhom jiċċaqalqu,*
*U 'l hemm jersqu fejn idejh*
*Kienu mgħargħra f'nar bellusi,*
*Li kien qed jgħammixlu għajnejh.*

*F'daqqa waħda sthajlu jilmaħ*
*Mill-quċċata ta' Merżuq*
*Tielgħa d-dħaħen, 'u xamm riħa*
*Qisha ta' kubrit maħruq!*

*Imma wisq ma damx jitħasseb,*
*U tal-moħba biss ta każ;*
*Beda jħaffer b'ħeffa u kixef*
*Żewġt iqrun tad-deh'b u ras.*

*Neħħa t-trab: żewġ għajnejn — tlieta!*
*Lemaħ jibbru lejh: Ħajjin!*
*Bħal inqata'; imma ssokta,*
*Għax ma riedx li jieħdu l-ħin.*

*Fl-aħħar qalgħu: kien bħal għoġol,*
*Imma kellu tliet għajnejn:*
*Deh'b mastizz u tqil għall-aħħar,*
*Mhux lakemm tqandlu bl-idejn.*

*Kien xi alla falz tal-qedem,*
*Ħaseb f'qalbu, meta d-dan*
*Ġarru u ħbieh ġo rokna, qabel*
*L-ewwel dawl ħabbar in-nhar.*

*Bilkemm seta' jissapporti*
*Għajnejn l-għoġol ħomor demm;*
*Kien iħoss tferfir ma' ġismu,*
*Meta jħares lejh bil-hemm.*

*Baża' r-raġel, tilef sabru,*
*Il-jum kollu jaħseb fih;*
*Ilsien martu jaqta' dejjem:*
*Ma setax isib mistrieħ.*

*Għaldaqshekk l-imsejken bidwi*
*L-għoġol li sab fuq Gelmus*
*Fittex biegħu 'l wieħed Għawdxi*
*Li kien jaf, u għal ftit flus.*

*Imma wkoll x'ħin ħeles minnu,*
*Iż-Żebbuġi ma sabx kwiet,*
*Għax l-istorja f'Malta u Għawdex*
*Fis minn fomm għal fomm għaddiet.*

*Irid jaf kulħaddd fuq l-għoġol,*
*Illi hu sab fuq Gelmus:*
*Sal-Grammastru Manoel tqanqal,*
*U biex jiksbu rama jsus.*

*Imma, b'għaġeb kbir, il-għoġol*
*Għab bħal kwiekeb fiż-żerniq:*
*Ħadd ma seta' b'xejn isibu,*
*Kif il-Prinċep Manoel xtieq.*

*Iż-Żebbuġi jgħid li biegħu;*
*Ix-xerrej jgħid ma jaf b'xejn:*
*Xejn ma swew ħabs u torturi,*
*U kulħadd jistaqsi, Fejn?*

*Sliema dak li sab il-għoġol*
*Qatt ma seta' jsib imkien;*
*Dak li xtrah — jekk xtrah — iġġennen,*
*U fi sptar miet f'qasir żmien.*

*Hekk it-tnejn li kellhom x'jaqsmu*
*Ma' dan l-għoġol ta' Gelmus*
*Tul il-bqija ta' ħajjithom*
*Tiġrib kellhom, u bir-rfus.*

*F'Gelmus deheb għad baqa' s'issa,*
*Għax l-aktar f'inżul ix-xemx*
*L-għolja tħeġġeġ b'nar safrani —*
*Dehra isbaħ minnha m'hemmx.*

*Iżda ma nħallux li f'qalbna*
*Jinżel, ħija, l-għatx tal-flus;*
*Għax is-sliem hu bil-wisq aqwa*
*Mid-deheb kollu ta' Gelmus.*

F.X. MANGION

# B'TIFKIRA TA' F.X. MANGION

Għall-bidu ta' Diċembru 1975, miet il-kittieb u traduttur magħruf Frans X. Mangion.

Hu kien għadda ħajtu fil-qasam tal-kitba u l-edukazzjoni ta' ulied il-poplu, l-ewwel bħala surmast fl-iskejjel tal-Gvern, u wara bħala spettur fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. Hu għallem ukoll fil-Kulleġġ tat-Taħriġ ta' l-Għalliema, kif ukoll għen fl-iskola li s-Sinjura tiegħu għandha f'Tas-Sliema.

Kiteb ħafna novelli, artikli u poeżiji, u ħa sehem f'taħdidiet kemm fuq ir Rediffusion, kif ukoll fuq Xandir Malta. L-ikbar xogħol tiegħu fl-istampa kien it-traduzzjoni tal-'Paradise Lost' ta' J. Milton taħt l-isem **Il-Ġenna Mitlufa.**

---

# XEJJIRNA LIL XULXIN

**ta' DR. HERBERT GANADO LL.D.**

Il-vjaġġ lejn Soroti kien interessanti u varjat. Xi ħadd minna waħħal bandiera Maltija mal-'bus' tagħna. Bdejna biex waqafna f'lukanda għall-kafe'. Hemmhekk rajt sinjura Ingliża, twila u eleganti, liebsa l-aħmar, b'tarbija marbuta ma' daharha, kif jużaw l-Afrikani. Kienet varjetà ħelwa għaliex, flok dawk l-għajnejn suwed tat-trabi ta' l-Uganda, rajna par għajnejn ċelesti ċari b'ras kollha nokkli sofor.

U qbadna l-kampanja. Il-kampanja ta' l-Uganda, għad li ħadra u sabiħa, donnha vojta u selvaġġa. Rari li kont tara nies. Kultant tiltaqa' ma' xi ġozz kapanni u siġar tal-banana. Fl-irħula kbar jew fil-bliet żgħar tara n-nisa jsajru u jaħdmu u l-irġiel ħafna drabi bil-qiegħda jħarsu, lesti għall-battalja bejn tribù u oħra, li minn mindu l-Ingliżi daħlu l-Uganda ma għadhomx isiru ħlief f'xi ġlieda wisq rari. Id-drawwiet antiki jdumu ma jmutu. Imma ukoll tletin sena ilu bosta rġiel kienu bdew jiċċaqalqu u jmiddu jdejhom għax-xogħol.

Tagħrifa: *Din hi silta qasira mill-ewwel kapitlu tat-tielet ktieb* Rajt Malta Tinbidel, *1975. Hi ħaġa sabiħa li Dr. Ganado qiegħed jikteb id-djarju tiegħu, li hu d-djarju ta' Malta u niesha fiċ-ċokon. Tkun ħaġa wisq f'lokha li Maltin oħra jitħajru u jiktbu d-djarju tagħhom għall-ġid ta' min jiġi warajna.*

# XEJRIET ĠENERALI TAN-NARRATIVA F'MALTA 1850-1950

**OLIVER FRIGGIERI**

### Il-qagħda lingwistika

Il-mixja sħiħa ta' l-espressjoni letterarja f'Malta sa żmien Ġan Anton Vassallo tixhed ħakma sħiħa tat-Taljan bħala l-medju magħżul u milqugħ għall-proża u l-poeżija. L-ewwel "konverżjoni" li ħalliet effetti tajbin ħafna kienet dik ta' min trabba fil-kultura taljana, u wara li trawwem fiha għażel li juża bil-Malti wkoll dak kollu li seta' jinqeda bih fil-qasam ċert tat-teknika taljana. Vassallo (1817-1868) jista' jitqies bħala l-ewwel poeta letterarju bil-Malti għaliex għadda mill-passaġġ ewlieni tal-ġrajja letterarja tal-Malti qabel ma setgħu jgħaddu oħrajn li ġew warajh, bħal Muscat Azzopardi, Cuschieri, Dun Karm u Cremona. Il-passaġġ ma setax ikun mod ieħor: aċċettazzjoni tal-forom, l-ispiritwalità u l-ilsien taljan u applikazzjoni ta' l-istess wirt bi lsien ieħor, i.e. il-Malti. Id-dikotomija tidher minn barra biss, u hemm kemm il-kontinwità artistika u kemm it-tkomplija mhux maqtugħa tal-katina storika.

Iċ-ċaqliq b'riżq il-Malti fis-seklu dsatax irid jitqies fi ħdan il-kwadru usa' tal-kultura lokali. It-Taljan kien ilu jinkiteb f'Malta mill-anqas erba' sekli, u l-biċċa l-kbira tal-kotba li xxandru f'Malta, wara l-ewwel wieħed ta' Geronimo Marulli da Barletta fl-1643, huma mhux biss bit-Taljan iżda miktubin skond ix-xejriet kollha li jinstabu fil-mudelli barranin. Fis-seklu dsatax wieħed mhux biss isib it-tkomplija ta' l-imgħoddi, iżda ċ-ċaqliq tal-fehma ġenerali dwar il-qagħda. Dan jidher, mill-anqas, fi tliet oqsma: (i) fir-reazzjoni politika u letterarja ta' dawk li ma ridux li tintmess it-tradizzjoni, (ii) fir-rapporti uffiċjali ta' kummissjonarji barranin (1) u (iii) fil-kuxjenza ġdida li bdiet titrawwem f'għadd ta' awturi Maltin li jew bdew jiktbu **wkoll** bil-Malti, minbarra bit-Taljan biss, jew daħlu istintivament għall-kitba bil-Malti biss.

### Proża bit-Taljan

Stħarriġ tal-proża bit-Taljan jikxef għarfien sħiħ ta' movimenti kontemporanji fl-Italja. Dan ma jfissirx li prożaturi oħrajn ma ssuktawx isostnu lilhom infushom b'xogħlijiet ta' l-ewwel romantiċiżmu u ta' żminijiet ta' qabel. Silta, miktuba minn awtur mhux magħruf, meħuda minn essay **I sepolcri,** tixhed twaħħid

mar-reliġjon ta' l-oqbra, imxandra fil-karme ta' Foscolo:

"La morte ha anch'essa qualche cosa di soave in mezzo agli agghiacciati suoi terrori! Le tombe su cui l'Arte lussureggia colle patetiche sue grazie, non sono una manifattura di morti; i vivi l'hanno erette, a patto che da esse rimbalzi su loro uno spruzzo come un appendice al domicilio d'una famiglia, una villeggiatura nella polvere . . . Nulla più insensato di questo sforzo continuo di portare la vita al di là della morte, la vanità al di là della miseria, la carne al di lâ della polvere (2).

Ir-rumanz bit-Taljan isib il-ġustifikazzjoni tiegħu fil-qawmien tal-ġrajjiet storiċi. Ir-rumanz storiku kellu l-aqwa żmien u żvilupp tiegħu fl-Italja tar-Risorġiment, għaliex fit-tifkira tat-tiġrib erojku ta' ġenerazzjonijiet imgħoddija l-kittieb irnexxielu jqiegħed f'dawl ġdid l-idejal tat-taqbida kontemporanja. Flimkien mar-rijevokazzjoni storika wieħed jintebaħ ukoll bil-ħerqa tal-kittieb biex ipinġi ħajja mimlija passjoni u qlubija. Ir-rappreżentazzjoni ta' fatti, persunaġġi u ambjenti titħallat mat-tifwir sentimentali mnissel mill-ħsieb tal-martirju ta' l-individwu u tal-patrija. Ir-rumanzier, madankollu, sikwit jaqta' l-katina loġika tal-fatti biex jixħet dawl ieħor fuq il-qagħda ġewwiena tiegħu li tidher ukoll f'kummenti u fi tħeġġiġiet nazzjonalistiċi.

Dawn ix-xejriet, li jikkaratterizzaw lir-rumanz storiku Taljan tar-Risorġiment u tat-tieni Romantiċiżmu u lir-rumanz miktub bit-Taljan f'Malta, igħaqqdu liż-żewġ livelli tan-narrativa mhux biss bil-ħjut letterarji li wieħed jistenna, u li kellhom jissuktaw, iżda wkoll bi ħjut storiċi ta' epoka analoga. F'Malta ġew u sabu l-kenn għadd ta' patrijotti u kittieba Taljani, bħal Gabriele Rossetti, Tommaso u Ifigenia Zauli-Saiani, Francesco Orioli, Luigi Settembrini, Francesco de Sanctis, Rosalino Pino, Francesco Crispi u Nicola Fabrizi (3). L-istampa f'Malta tat sehem siewi biex ikunu magħrufa sewwa l-fatti taż-żmien (4) u bosta kittieba ta' dik il-ħabta kienu ġurnalisti li nqdew bil-kelma miktuba biex iqanqlu fil-poplu kuxjenza nazzjonali.

Id-definizzjoni tar-rumanzi storiċi Taljani tas-seklu hi l-istess li għandha tingħata lill-produzzjoni lokali bit-Taljan: motivi patrijottiċi li jintisġu ma' kwadru romantiku fejn imħabbiet u żventuri u tradimenti jiżvolġu ruħhom il-ħin kollu pass pass waqt li jitpenġew xenarji u figuri meħudin mill-istorja u mill-fantasija. Dawn ix-xejriet jikkwalifikaw lir-rumanzi ta' Cesare Cantù (1804-1895), ta' Massimo D'Azeglio (1798-1866) u ta' Ippolito Nievo (1804-1873). L-ismijiet ta' dawn it-tlieta, u xi drabi studji twal u mimlija reqqa dwar ix-xogħlijiet tagħhom, jidhru fir-rivisti kulturali ewlenin Maltin ta' l-epoka. Iżda wieħed ma jistax jinsa l-influss tal-kapulavur ta' Manzoni fil-konċezzjoni, fil-preżenza ta' Alla fl-istorja, fl-għażla bejn nies tajbin u ħżiena, u fit-ton klassikeġġjanti, kif ukoll fit-tressiq lejn ir-rejaliżmu f'xi siltiet (5).

Fost l-għadd imdaqqas ta' rumanzieri storiċi, ta' min isemmi lil **Alessandro Inguanez** (1861) u **Wignacourt** (1862) ta' N. Zammit, **La bella maltea ossia Caterina Desguanez — romanzo storico — patrio del sec. XV** (1872) ta' F. Giglio, **Un martire — romanzo storico maltese del sec. XVI** (1878) ta' R. Barbaro di S. Giorgio, **Il condannato al supplizio del rogo** (1905), **L'ultimo assalto del Forte s. Michele** (1907), **Maria Valdes** (1909) u **Notte di dolore — racconto storico del sec. XVI** (1915) ta' G. Gauci. Is-sottu-ismijiet ta' uħud minn dawn ifakkru f'dak li kiteb Manzoni: **I promessi sposi — storia milanese del sec. XVII.**

Il-kittieba tar-Risorġiment sikwit irrakkontaw it-tiġrib politiku tagħhom f'kotba ta' tifkiriet. Fuq il-passi ta' **Ricordanze della mia vita** ta' L. Settembrini, wieħed mill-eżiljati li stkennu f'Malta, u ta' **Le mie prigioni** ta' S. Pellico, snin wara A. Mercieca kiteb **Le mie vicende** (1947), rakkont tat-tbatijiet tiegħu fl-eżilju.

Aktarx li l-aħjar xhieda ta' dan il-qbil sħiħ mat-tradizzjoni tar-rumanz storiku hi dik li ta wieħed mill-kittieba nfushom, N. Zammit: "Tante circostanze articolate assieme formano intanto come l'obbiettivo d'una camera oscura, sul cui fondo incantato si succedono cento apparizioni diverse, ed una serie di contrasti — ove le promesse della gioia e le illusioni della speranza s'alternano coll'insulto della sventura. . ." (6). Zammit jifhem li l-ġrajja jeħtieġ tkun traġika u l-persunaġġi jieħdu s-sura ta' fantażmi sewdiena u demmija, u t-taqsimiet varji jissoktaw iħabblu n-nisġa, sakemm fl-egħluq ir-rumanz joħroġ il-morali lill-qarrej.

Mill-aspett tekniku Zammit jagħti importanza sħiħa lid-djalogu; nofs ir-rumanz hu mibni fuq il-konversazzjoni. Il-kelliema jitħaddtu l-ħin kollu u xi drabi magħhom infushom ukoll, ihewdnu, u drabi oħra fi dwett jew f'terzett. B'dan il-mekkaniżmu tinkiseb deħra sintetika, toħroġ il-mużika tal-kelma, u jinħass in-nifs ta' l-interjezzjoni; ir-rumanzier jitkellem direttament (7). B'dawn il-qisien Zammit resaq sew lejn ir-rumanz tar-rejaliżmu, sewwa sew kif għamlu għadd ta' kittieba tar-Risorġiment, bħal D'Azeglio, huma u jpinġu xenarji, ambjenti u figuri. Fir-riproduzzjoni barranija bdiet titwettaq ix-xejra romantika li riedet tersaq kemm tista' lejn rappreżentazzjoni oġġettiva tar-rejaltà. Dil-mixja lejn ir-rejaliżmu ma setgħetx tidher tqila jew barra minn lokha għat-temperament tal-kittieba Maltin, għaliex tqieset fi ħdan il-qagħda preżenti: "il romanzo è un bisogno del tempo. La nostra educazione, il nostro sentimentalismo lo dimandano. . . Il nostro è un secolo svegliato che tende a dormire. Come scuotere la sua apatia, come trarlo dai geli della sua indifferenza? . . . Cosi' un mondo fantastico è sovrapposto ad un mondo reale, e ne forma come l'ambiente dentro il quale respira la civiltà del tempo" (8).

Għandu tifsira speċjali f'dan id-dawl, mela, il-fatt li fl-1904 L. Caruana ppubblika novella tiegħu **Sorrisino** fil-**Malta Letteraria.** Eżempji oħra ta' laqgħa sħiħa tal-viżjoni fotografika fin-narrativa, mibnija fil-qalba tagħha fuq id-djalogu li jidħol minflok id-deskrizzjonijiet mimlija reqqa, huma n-novelli **La poltrona di Rothscild** (1906) ta' P. Enrico Potenza u **Lo strano animale** (1937) ta' G. Cremona. G. Curmi ħa sehem hu wkoll f'dal-moviment, iżda s-sehem ewlieni tiegħu jinsab fir-rejazzjoni analitika u filosofika li twassal għan-novella psikoloġika (e.g., **La rivolta della materia),** influwenzata mill-iskavi mħabbla tar-rumanzi ta' Italo Svevo.

**Proża Bil-Malti**

Ma jingħaddux ir-rumanzi, jew rakkonti (fosthom traduzzjonijiet) li xxandru fis-seklu dsatax; is-siwi krejattiv sikwit hu milliċken. L-ewwel wieħed li jgħaqqad flimkien u jiżvolġi l-kwalitajiet tematiċi u tekniċi tax-xogħlijiet popolareski, u jitla' bil-ħeffa għallivell tat-tradizzjoni taljana li l-awtur trabba fiha hu **Ineż Farruġ — rumanz storiku** ta' A.M. Caruana (1838-1907).

Fl-aħħar ftit żmien tas-seklu tmintax u fl-ewwel snin taddsatax in-narrativa saret għamla ta' żvog istruttiv, u b'hekk beda jinħoloq ir-rumanz storiku, nisġa iżjed ċara ta' sthajjil u rejaltà. Hemm żewġ triqat kontra xulxin li wieħed seta' jgħaddi minnhom: jew jaħtaf mill-istorja l-azzjoni ewlenija u jdawwarha u jfettaħha b'fatturi li joħorġu mill-fantasija (e.g. Massimo D'Azeglio f'**Niccolo' dè Lapi)** jew joħloq l-azzjoni ewlenija u jqegħedha fi ħdan elementi storiċi e.g. Manzoni). Caruana mexa fuq it-teknika manzonjana; sawwar ġrajja ta' mħabba u sabilha post fi sfond malti matul il-ħakma spanjola. Min-naħa idejoloġika Caruana laqa' wkoll il-missjoni mogħtija lir-rumanz storiku u biddilha b'saħħa f'arma għattaqbida kontra l-ħakma barranija.

Caruana ttrasferixxa l-passjoni qalila u ħerqana għal pajjiżu f'epoka mbiegħda ta' tbatija politika. L-analoġija hi ċara. Ir-rumanzieri taljana ħarsu lejn iż-Żminijiet tan-Nofs u lejn il-bosta taqbidiet tal-Komuni kontra Barbarossa, u lejn is-seklu sittax bir-reżistenzi tiegħu għall-ħakma barranija. Ir-rumanzieri maltin reġgħu għexu f'ruħhom l-epoki diversi tal-ġrajja lokali u ġarru fil-maqdes ta' l-imgħoddi mċajpar l-aspirazzjonijiet ta' ħelsien u identità li kienu fl-aqwa tagħhom fil-preżent.

**Ineż Farruġ** (1889) wettaq it-tradizzjoni tar-rumanz storiku mhux biss fil-konfront bejn il-fantasija u d-dokumentazzjoni umana, iżda wisq aktar fl-istil. Il-kostruzzjoni sintattika hi meħuda kollha kemm hi mill-mudelli klassikeġġjanti. Mill-aspett lessikali Caruana hu purista, rejazzjonarju kontra t-traskuraġni li ħakmet u ssoktat taħkem fi żmienu fil-ġurnali u fil-kotba. Fiż-żmien napo-

lejoniku A. Cesari fl-Italja seħaq fuq il-ħtieġa li jinżammu ħajjin l-espressjonijiet u l-kliem ta' l-"aureo trecento" u waqqaf l-għaqda tal-puristi. L-iskola tal-puristi, sewwa sew f'dawk is-snin meta l-problema tal-lingwa u ta' l-espressjoni bdiet tqum fil-peniżola qariba, eżistiet f'Malta wkoll u xi kittieba, bħal A. Preca, kellhom ix-xeħta li jħallu barra mill-kitba tagħhom, letterarja u xjentifika, il-kliem kollu ta' nisel romanz, minkejja l-użu mxerred tiegħu. Caruana nnifsu hu eżempju ta' dan anki bħala lessikografu (9). Iżda biex tinkiseb dehra sħiħa tal-paralleliżmu bejn il-moviment puristiku ta' Cesari u ta' Puoti, u dak li tqanqal f'Malta fi ħdan il-proża ta' dik il-ħabta, wieħed jista' jżid dan: fl-Italja kien hemm Monti, poeta moqri ħafna fil-gżira, li ħadha kontra l-limitazzjonijiet lingwistiċi biex jitwettaq tiġdid ħieles; f'Malta N. Tagliaferro (1843-1915) qies hu wkoll l-ilsien bħala wirt li jiżviluppa, jitbiddel u jistagħna l-ħin kollu. Il-kodifikazzjoni retorika, it-tixbiħat u l-ġirjiet sintattiċi ta' Caruana, min-naħa l-oħra, ireġġgħuna lura lejn il-proża mimlija żina tal-kittieba barokki; xi drabi jinqeda wkoll bi frażijiet jew propożizzjonijiet maqlubin kelma b'kelma mit-Taljan.

Hemm, imbagħad fatturi stilistiċi u tematiċi oħra fi ħdan il-konċezzjoni storika: l-preżenza ta' Alla fil-qagħdiet storiċi, in-nuqqas ta' ħaqq politiku u soċjali, l-għażla bejn tajbin u ħżiena, bejn ċittadini u barranin, is-sura skultoreja u partikulareġġjata tax-xeni u tal-persunaġġi, l-oratorija morali. Hemm kwalitajiet li jidhru f'bosta suriet fir-rumanzi ta' Ġ. Muscat Azzopardi li f'**Toni Bajada** (1878), f'**Vicu Mason** (1881) u f'**Nazju Ellul** (1909) għaqqad flimkien epoki u individwi. Uħud minn dawn iduru madwar persunaġġ wieħed u meta tkun mara, il-ġrajja tikseb is-safa mimlija mħabba ta' xi Lucia manzonjana (10).

Ġ. Muscat Azzopardi mexa fl-istess ħin fuq il-konċezzjoni ta' D'Azeglio li, kif nafu minn **Ettore Fieramosca** u minn **Niccolo dè Lapi,** ħa l-azzjoni ewlenija mill-istorja u mhux mill-fantasija, u minħabba f'dan il-fantasija kellha toħloq l-isfond u mhux is-sensiela tal-ġrajjiet li jsawru r-rumanz.

Tidwib u tiġdid ta' dehra storika u sura rejalistika jinstabu fir-rakkonti popolareski, mibnija sikwit fuq fatti ta' qtil jew skandlu pubbliku, u fir-rumanzi l-iżjed magħrufa ta' l-ewwel nofs tas-seklu għoxrin: **Taħt tliet saltniet** (1938) ta' Ġ. Aquilina, **Żmien l-ispanjoli** (1938) u oħrajn ta' Ġ. Galea. F'xi rumanzi ta' Galea hemm tressiq lejn l-istorja kontemporanja, id-dinja ta' l-immedjatezza għarwiena li mbagħad tinkixef fil-qrusa tagħha kollha fix-xogħlijiet ta' Ġ. Chetcuti li hu mimli influssi, kemm lingwistiċi u kemm tematiċi, ta' G. Verga: ifittex id-dokument uman, ipinġi l-ħajja provinċjali ta' naħiet fqar jew 'imħassrin" ta' Malta, jersaq lejn l-argument bi proċess imħabbel ta' oġġettivazzjoni ta kull idejal. Hu

vergjan ukoll meta jfittex li jkun fotografu tad-dinja tiegħu, fid-dħul tad-djalogu flok id-deskrizzjoni u meta jgħix kliem, espressjonijiet u intonazzjonijiet tal-poplu sempliċi.

NOTI

(1) Ara *Reports of the Commissioners appointed to inquire into the Affairs of the Island of Malta* (1838), *Report upon the Educational System of Malta* (1839), kif ukoll ir-rapporti tal-kummissjonijiet ta' l-1912, l-1932 u l-1942.

(2) *L'Arte, I, no* 7, 22/2/1863, p. 8.

(3) V. Laurenza: *La questione del metodo negli studi letterari e la letteratura italiana in Malta,* Stamp. del Governo, Malta, 1924, p. 19.

(4) Ara, fost xogħlijiet oħra, V. Bonello, B. Fiorentini, L. Schiavone: *Echi del Risorgimento a Malta,* Malta, 1963, u G. Patti: *I cento giorni di Garibaldi in Sicilia nel giornalismo maltese,* Editrice la Sicilia-Messina, 1972.

(5) Ix-xogħlijiet ta' Manzoni huma s-suġġett ta' għadd ta' studji mxandra fir-rivisti letterarji tas-seklu dsatax u ta' l-ewwel nofs tas-seklu għoxrin, bħal *Crepuscoli, Malta Letteraria* u *La Brigata.* Ir-rumanz tiegħu nqaleb għall-Malti minn A.M. Galea (1912) u minn P. Galea (1937).

(6) *Il genio del romanzo* fi *Crepuscoli,* anno I, I 19/I/1886, p. 5.

(7) Ibid., 15/2/1886, p. 16.

(8) Ibid., 28/2/1886, p. 26.

(9) Ara Ġ. Aquilina: *Papers in Maltese linguistics,* R.U.M., 1961, pp. 68-70. Dwar tejorija oħra fuq id-dħul tal-puriżmu fil-kitba Maltija ara K. Sant: *It-traduzzjoni tal-Bibbja u l-ilsien Malti* 1810-1850, R.U.M., 1975, pp.45-48.

(10) Ġ. Aquilina: *Studji kritiċi letterarji,* Malta, 1949, p. 71.

---

# TISLIMA LILL-PROFESSUR S. ZARB O.P.

Fis-7 ta' Marzu, 1976, għadda għal ħajja aħjar il-Professur Serafin Zarb O.P. fl-Isptar San Luqa, wara marda qasira.

Il-Professur Zarb kien wieħed mill-ewlenin li ħadmu mhux biss fil-qasam reliġjuż, imma wkoll fil-qasam ta' l-ilsien u l-wirt Malti b'sens ġenerali. Hu twieled fl-1899, u studja fil-Kulleġġ San Tumas ir-Rabat, u wara fl-Angelicum, Ruma. Fl-1939 hu ħa d-dottorat u laħaq professur fil-Kulleġġ Pontifiċju Beda ta' Ruma. Fl-1943 inħatar professur tat-Teoloġija Dommatika fl-Università Rjali ta' Malta. Hu kiteb b'diversi lingwi kemm barra minn Malta, u kemm hawn Malta, hekk li kiseb isem fost l-istudjużi anki barranin, l-iktar fl-istudji tiegħu fuq S. Wistin. Għal dak li hu nisel ta' l-ilsien Malti, hu kien wieħed li kien iżomm li l-Malti tnissel mill-Feniċju.

# IN-NATURA LINGWISTIKA TAT-TRADUZZJONI

**REV. DR. EDWARD FENECH**

It-traduzzjoni, min-natura tagħha, tistenna li jkun hemm rabta bejn żewġ ilsna: l-ilsien li minnu ssir it-traduzzjoni, u dan nistgħu nsejħulu **Lsien Fonti** (imqassrin LF), u l-ilsien li għalih issir it-traduzzjoni, u dan jissejjaħ f'ilsienna **Lsien Riċevitur** (imqassrin LR).[1] Minħabba f'hekk, f'dan il-proċess dejjem ikun hemm transizzjoni f'direzzjoni waħda: mill-ilsien fonti għall-ilsien riċevitur.

Minħabba r-relazzjoni li tgħaddi bejn iż-żewġ ilsna permezz tat-traduzzjoni, studju bħal dan għandu jitqies bħala fergħa tal-Lingwistika Komparata. Hu jħaddan studji fil-fonoloġija, grafoloġija, morfoloġija, lessiku, semantika u sintassi, biex ma nsemmux ukoll l-istilistika li l-iżjed tistudja l-elementi fakultattivi tat-testi li jkunu.

It-traduzzjoni hi l-mogħdija tal-messaġġ mill-ilsien fonti għall-ilsien riċevitur. Il-kelma **messaġġ** f'din id-definizzjoni hi importanti ħafna, għaliex it-traduzzjoni ma tinvolvix bilfors is-sostituzzjoni ta' kelma b'kelma, frażi bi frażi, jew sentenza b'sentenza. Minn banda waħda, traduzzjoni ta' kelma b'kelma tista' twassal għal ftit sens, jew għal tifsir banali. Traduzzjoni ta' frażi bi frażi, jew ta' sentenza b'sentenza, x'aktarx li twassal għal tifsir aħjar, imma jekk wieħed jitbiegħed ħafna mit-test ta' l-ilsien fonti, it-traduzzjoni tkun tħaddan fiha elementi meħudin mit-test ta' l-ilsien fonti flimkien ma' elementi ġodda mnissla minn moħħ it-traduttur innifsu. Jekk jiġri hekk, it-traduttur ikun fil-fatt ko-awtur, u minħabba f'hekk ġie li jingħad li t-traduttur hu traditur.

Il-messaġġ ta' l-ilsien fonti hu hekk importanti fil-proċess tat-traduzzjoni li ħadd ma jista' jwarrbu. Meta wieħed jagħmel analiżi ta' kif isiru t-traduzzjonijiet, għandu jinnota li ħafna drabi xi kliem jitħalla barra bla ma tiġri ħsara lit-test ewlieni, kliem ieħor jiżdied minħabba l-istil, il-morfoloġija jew il-kjarezza, kostruzzjonijiet sintattiċi jinbidlu jew jinqalbu, u l-grammatka ta' l-ilsien riċevitur tieħu post il-grammatka ta' l-ilsien fonti. Dawn iż-żidiet, omissjonijiet, inverżjonijiet, u tibdil ieħor isiru bl-iskop li l-messaġġ joħroġ aħjar skond il-ġenju ta' l-ilsien riċevitur.

Il-messaġġ jgħaddi mill-ilsien fonti għall-ilsien riċevitur jew permezz ta' **ekwivalenti**, jew b'elementi non-ekwivalenti, jew bi **trasferiment lessikali.** Jekk nieħdu s-sentenza Ngliża: "You are not yet fifty years old", u naqilbuha bil-Malti: "Għad m'għandikx ħamsin sena", inkunu għamilna sostituzzjonijiet tal-lessiku u l-morfoloġija ta' l-Ingliż b'**ekwivalenti** lessikali u morfoloġiċi

Maltin. It-traduzzjoni lessikali: "int m'intix għadek ħamsin sena xiħ" kienet tkun wisq 'il bogħod minn dak li jistenna n-nattiv Malti. Jerġa', fit-traduzzjoni li tajna, ninnutaw ukoll li saret bidla inevitabbli: il-bidla mill-grafoloġija Ngliża b'elementi **non-ekwivalenti** tal-grafoloġija, inkluża s-sistema ortografika, li għandna fil-Malti. Meta t-traduttur ma jkunx jista' jissostitwixxi l-materjal testwali b'ekwivalenti jew b'non-ekwivalenti ta' l-ilsien riċevitur, ikollu jinqeda bit-**trasferiment** dirett ta' xi kliem mill-ilsien fonti, anki jekk dan il-fatt jibdel xi ftit it-tifsira. Hekk, per eżempju, fil-Vanġelu ta' S. Ġwann 1, 42 insibu fit-test Grieg il-kelma **Kephas** li tfisser 'ġebla' u li kienet trasferita hemm direttament mill-Aramajk biex tagħti lewn Semitiku lit-test ta' ilsien riċevitur.

Minbarra l-implantazzjoni lessikali ta' kelma jew kliem minn ilsien għal ieħor, it-**trasferiment** iġib miegħu ħafna tibdil ieħor inevitabbli. Hekk il-kelma Aramajka **Kepha** saret **Kephas** fit-test Grieg li semmejna, u dan minħabba li l-kelma trasferita kellha toqgħod għall-grammatka tal-ilsien riċevitur. L-istess bidla ġiebet magħha tibdil fonoloġiku, u xejn inqas tibdil grafoloġiku. Dan jiġri wkoll f'ilsienna: ara t-trasferiment fit-traduzzjoni ta' S. Ġwann ta' l-Għaqda Biblika Maltija,[3] fejn l-istess eżempju kien trasferit għall-Malti bħala **Kefa.** Ħafna għamliet ta' tibdil narawhom l-istess fil-Malti modern. Hekk, jekk inkunu rridu naqilbu għall-Malti t-test: "The workmen went on strike", x'aktarx ngħidu: "Il-ħaddiema strajkjaw". Minn hekk naraw kemm komplessitajiet fih il-proċess tat-traduzzjoni.

(1) E. A. Nida, fil-ktieb tiegħu *Bible Translating,* Londra, 1961, u fl-ieħor *Towards a Science Translation,* Leiden, 1964, isejjaħ l-ilsien riċevitur 'receptor language'. J. C. Catford fi *A Linquistic Theory of Translation,* Londra, 1965 jinqeda bit-terminu 'target language' fl-istess sens. L-ilsien fonti kulħadd isejjaħlu 'source language' fl-użu Ngliż u Amerikan.

(2) Ara J. C. Catford, *op. cit.,* kapitli 3-7.

(3) Ara *It-Testment il-Ġdid tas-Salvatur tagħna Ġesù Kristu,* Għaqda Biblika Maltija, Malta, 1975, p. 187.

---

# B'TIFKIRA TA' MARY MEYLAQ

Fl-1 ta' Jannar 1975, mietet il-poetessa Għawdxija Mary Meylaq, fl-għomor ta' kważi 70 sena.

Hi kienet kisbet isem għall-kitba tagħha bil-Malti, minkejja li kienet kitbet ukoll bl-Ingliż. Hi kienet għalliema l-ewwel fl-Iskejjel Primarji u wara fl-Iskola Sekondarja ta' Għawdex. Kitbet ħafna poeżiji, bħal dawk li nsibu f'**Villa Meylaq** u **L-Album,** kif ukoll ir-rumanz **Nokkla Sewda** u ż-żewġ kotba ta' essays **Nitraġunaw u Nitbissmu.** Poeżiji tagħha dehru f'diversi rivist fosthom **Leħen il-Malti.**

# DIMENSJONIJIET FL-ISTUDJU LINGWISTIKU

**ALBERT BORG**

L-istudju ta' l-ilsien ingħata bażi xjentifika għall-ħabta tas-seklu dsatax. Studjużi Ewropej sabu li s-Sanskrit, l-ilsien klassiku ta' l-Iskritturi Vediċi (Indjani), kien jixbah ħafna l-Latin u l-Grieg. Din kienet l-epoka tax-xjenzi storiċi, żmien meta Darwin kien qiegħed jifformula t-teorija tiegħu dwar l-evoluzzjoni ta' l-ispeċi. Il-lingwistika twieldet f'dan l-ambjent intellettwali, u bdiet hi wkoll bħala xjenza storika, interessata fl-evoluzzjoni ta' l-ilsna u fl-oriġini possibbli tagħhom. Il-metodu li bdew iħaddmu l-ewwel Komparatisti bħal Bopp u Schleicher komplew jipperfezzjonawh in-Neo-Grammatiċi, fosthom Brugmann (ara Ivic 1965 u Leroy 1964).

F'din il-fażi l-lingwistika kienet diretta lejn ir-rikostruzzjoni tal-forom ipotetiċi oriġinali li minnhom żviluppaw il-forom fl-ilsna magħrufa. Hekk fl-Akkadiku għandna s-suffis **-t** li juri l-femminil, eż. **xarru** 're' u **xarratu** 'reġina'. Dan is-suffiss insibuh ukoll fl-Ugaritiku, fl-Għarbi u fl-Etijopiku. Iżda fl-Ebrajk u fis-Sirjak jidher biss fl-istat kostrutt tan-nom. F'dawn iż-żewġ ilsna s-suffiss femminil huwa **-â**. Skond Brockelmann (1966) dan il-fenomenu nistgħu nifhmuh bħala żvilupp tal-forma Proto Semitika **-at** li tinbidel **f'-ah,** issir **-a** u tispiċċa **bħala -â.**

Dan l-istudju storiku nistgħu napplikawh fuq iżjed minn livell wieħed ta' analiżi: nieħdu l-livell fonoloġiku. Jekk l-Għarbi Klassiku nqisuh l-oriġini ipotetiku tal-Malti, mit-tqabbil tas-sistemi fonoloġiċi taż-żewġ ilsna jkollna nikkonkludu li s-sistema Maltija tilfet fost ħwejjeġ oħra l-grupp ta' konsonanti msejħin "emfatiċi" (ara Aquilina 1961a u Cowan 1966).

Fuq il-livell morfoloġiku wieħed jistudja l-iżvilupp tal-forom grammatikali (mhux biss il-kliem iżda wkoll dawk l-elementi bħall-affissi u l-partiċelli). Hawnhekk nistgħu nsemmu, per eżempju, l-iżvilupp tal-forom verbali Maltin minn sistema qrib dik li nsibu fl-Għarbi Klassiku. Naraw li minħabba t-telf tal-ħamża l-Malti tilef ir-raba forma (b'sens kawżattiv). Mill-banda l-oħra fil-Malti għandna żvilupp ta' forma sekondarja biż-żieda tal-prefiss **nt-** (il-prefiss **n-** tas-seba' forma miżjud mal-prefiss **t-** tal-ħames u s-sitt forma) eż. **intlemaħ, intgħamel, intresaq, intmesaħ** (Sutcliffe, 1936).

Fuq il-livell sintattiku l-lingwistika storika tistudja t-tibdil fis-sintassi, il-mod li bih l-elementi ta' l-ilsien jingħaqdu f'sekwenzi indipendenti li jissejħu sentenzi (għal definizzjoni rigoruża ara, per eżempju, Bloomfield 1926). Hekk fil-Malti biex infissru r-relazzjoni grammatikali "pussess ta' A minn B" barra mill-istat kostrutt (komuni għall-ilsna Semitiċi) għandna l-innovazzjoni tal-partiċella

"ta'" imqiegħda bejn A u B biex turi l-istess relazzjoni.

Fl-aħħarnett nistgħu napplikaw dan l-istudju għal-livell semantiku. Hawnhekk nistudjaw kif kelma tibdel it-tifsir tagħha (ara l-istudji importanti ta' Aquilina f'dan il-qasam, speċjalment Aquilina 1961b). Ta' min wieħed jiftakar li t-tibdil fil-ġens grammatikali ta' kelma huwa wkoll parti mit-tibdil fit-tifsir ta' dik il-kelma. eż. **qalb** u **ras** fl-Għarbi Klassiku huma kliem ta' ġens maskil, waqt li **problema** hija ta' ġens maskil fit-Taljan imma femminili fil-Malti.

Ferdinand de Saussure kien lingwista Neo-Grammatiku li uża l-metodu storiku fit-tiftix lingwistiku. Imma beda jinduna b'dimensjoni oħra li l-lingwistika kienet ittraskurat (ara de Saussure 1971). Bil-preokkupazzjoni tagħhom fuq l-iżvilupp ta' ilsna minn ilsna oħra jew minn oriġini ipotetika (id-dimensjoni storika jew dijakronika) il-lingwisti kienu ħallew barra dimensjoni oħra xejn inqas importanti — dik sinkronika. Kull ilsien fl-aħħar mill-aħħar huwa sistema awtonoma li jservi għall-komunikazzjoni tal-bnedmin bejniethom. Kif taħdem din is-sistema? Kif jiftiehmu bejniethom nies li qed jużaw l-istess ilsien? Kif jingħaqdu ma' xulxin l-elementi li jiffurmaw l-ilsien?

L-istudju sinkroniku wkoll nistgħu napplikawh fuq kull livell ta' analiżi. Fuq il-livell fonoloġiku nistudjaw l-ewwelnett il-karatteristiċi ta' kull element fis-sistema fonoloġika (il-fonemi) kif ukoll ir-relazzjonijiet ta' bejniethom. Hekk fil-każ tas-sistema fonoloġika Maltija nistgħu ngħidu li wħud mill-fonemi konsonantali jinqasmu f'żewġ gruppi: il-konsonanti mleħħna **b, d, g, ġ, v, ż** u dawk bla leħen **p, t, k, ċ, f, s.** Imma barra minn hekk dawn iż-żewġ gruppi ta' konsonanti għandhom relazzjoni preċiża ma' xulxin. Meta konsonanti mleħħna jkollha warajha konsonanti bla leħen, l-ewwel konsonanti ssir bla leħen bħat-tieni waħda eż. **dsatax** (id-**d** tiegħu pronunzja bla leħen bħat-**t**); u meta konsonanti bla leħen ikollha warajha konsonanti mleħħna, l-ewwel konsonanti tieħu l-leħen bħattieni waħda eż. **kitba** (it-**t** tieħu pronunzja bħad-**d**). (Ara Aquilina 1959, l-ewwel parti). Jekk nieħdu l-fonema **l** naraw li l-konsonanti fis-sistema fonoloġika tal-Malti jinqasmu f'żewġ gruppi: dawk li jassimilaw mal-**l** (il-konsonanti xemxin) u dawk li ma jassimilawx (il-konsonanti qamrin).

Fuq il-livell morfoloġiku nistudjaw il-formazzjoni tal-kliem u ta' elementi oħra grammatikali u kif il-forma tagħhom tinbidel skond il-funzjoni tagħhom fis-sentenza u skond it-tifsir tagħhom, eż. kif nomi maskili jistgħu jsiru femminili, jew kif nomi singulari jsiru plurali; kif verb fil-perfett isir imperfett; kif verb ta' l-ewwel forma jieħu s-seba' forma, eċċ.

Fuq il-livell sintattiku nistudjaw kif l-elementi ta' l-ilsien jingħaqdu f'sentenzi. Ngħidu aħna l-fatt li nom maskil singular jieħu aġġettiv singular b'forma maskili: **raġel twil** waqt li nom femminil singular jieħu aġġettiv singular b'forma femminili: **mara twila.**

Imma għal nomi fil-plural, m'hemmx distinzjoni ta' ġens grammatikali fl-aġġettiv: **rġiel twal, nisa twal.**

Studju sinkroniku fuq il-livell semantiku ma jqisx iżjed ittibdil fit-tifsir tal-kliem, imma r-relazzjoni bejn il-kliem kollu f'ilsien wieħed mal-univers, jiġifieri "t-tifsir" fih innifsu. Hawnhekk nistabbilixxu gruppijiet ta' kliem li għandhom x'jaqsmu ma' l-ikel, max-xorb, max-xogħol, mal-ġisem, eċċ., u naraw kif kull grupp ikopri bejn wieħed u ieħor l-elementi kollha fl-univers li għandhom x'jaqsmu ma' kull wieħed minn dawn is-suġġetti, u li huma rilevanti għall-kuntest soċjo-kulturali li tintuża fih dik il-lingwa.

Ta' min jinnota fl-aħħarnett li dawn iż-żewġ dimensjonijiet fl-istudju lingwistiku jippermettu diversifikazzjoni notevoli ta' paraguni. Fid-dimensjoni dijakronika, nistgħu nqabblu żewġ fażijiet (jew iżjed) ta' ilsien, eż. il-Latin Klassiku mal-Latin baxx mat-Taljan; jew fażijiet differenti ta' l-Għarbi Letterarju kif insibuh fil-Koran, f'kitbiet medjevali u f'dawk moderni. Wieħed jista' jqabbel ukoll żewġ ilsna li kellhom relazzjoni storika, eż. ix-xebħ bejn l-Isqalli Antik u l-Malti. U fl-aħħarnett żewġ ilsna minn epoki differenti, imma li qatt ma kellhom x'jaqsmu ma' xulxin, jistgħu wkoll jitqabblu bejniethom biex toħroġ iżjed ċara l-istruttura tagħhom, eż. il-Latin Klassiku ma' l-Għarbi Klassiku li t-tnejn għandhom id-deklinazzjonijiet imma ta' l-ewwel għandu sistema ta' sitt każijiet waqt li ta' l-aħħar għandu sistema ta' tlieta.

Fid-dimensjoni sinkronika nistgħu nqabblu grupp ta' ilsna bejniethom li kollha żviluppaw mill-istess għerq, eż. l-ilsna Rumanzi jew id-djaletti Għarab. Wieħed jista' jqabbel żewġ ilsna li ma jiġux minn xulxin imma li b'dan kollu ġew f'kuntatt ma' xulxin, eż. il-Malti u l-Ingliż f'Malta. Bħal fid-dimensjoni storika, żewġ ilsna din id-darba kontemporanji) li m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' xulxin jistgħu jitqabblu bejniethom biex wieħed jifhem aħjar l-istruttura tagħhom, eż. l-Ingliż u ċ-Ċiniż li t-tnejn huma tat-tip imsejjaħ "isolating" fejn l-elmenti tal -lingwa jitqiegħdu waħda wara l-oħra mingħajr ma jitilfu l-identità tagħhom (mhux bħalma jiġri f'tip ieħor ta' ilsna, bħalma hu l-Latin, imsejjaħ "inflecting").

Ta min wieħed jiftakar li din il-varjetà ma tfissirx bilfors li tip ta' studju huwa iżjed importanti minn ieħor. L-importanti hu li f'kull tip jitħaddem il-metodu xjentifiku b'mod rigoruż kemm jista' jkun. Il-valur ta' kull studju għandu jitqies fid-dawl ta' l-għanijiet li jimmòtivaw ir-riċerka xjentifika.

## Riferenzi


Aquilina, J. 1959. *The Structure of Maltese. A Study in Mixed Grammar and Vocabulary* Malta: The Royal University of Malta.

— 1961a. Some Historical Phonetic Changes of Maltese *Papers in Maltese*

*Linguistics* Malta: The Royal University of Malta.

— 1961b. A Brief Survey of Maltese Semantics *Papers in Maltese Linguistics* Malta: The Royal University of Malta.

Bloomfield, L. 1926. A Set of Postulates for the Science of Language *Language* 2(1926) 153-64.

Brockelmann, C. 1966. *Grundriss der Vergleichenden Grammatik der Semitischen Sprachen,* Band I. Berlin 1908. It-tieni edizzjoni: Hildesheim: Georg Olms Verlagsbuchhandlung, 1966.

Cowan, W. 1966. Loss of Emphasis in Maltese *J. of Maltese Studies* 3(1966) 27-32.

Ivic, M. 1965. *Trends in Linguistics* The Hague: Mouton.

Leroy, M. 1964. *Les Grands Courants de la Linguistique Moderne* Bruxelles: Presses Universitaires de France.

de Saussure, F. 1971. *Cours de Linguistique Generale* Paris: Payot.

Sutcliffe, E.F. 1936. *A Grammar of the Maltese Language* Malta: Progress Press.

---

# ĠIEH LILL-MONSINJUR P.P. SAYDON

Il-Professur Pietru Pawl Saydon tfakkar fiż-Żurrieq għall-ħidma tiegħu fil-qasam Bibliku u x-xogħol tiegħu għall-Malti, kemm bil-kitbiet tiegħu f'rivisti barranin, u kemm b'kitbiet u attivitajiet oħra hawn Malta.

Fid-19 ta' Marzu 1976, il-Professur Mons. K. Sant qaddes quddiesa għal ruħu fiċ-ċimiterju taż-Żurrieq fl-10.00 a.m. Wara sar it-tberik tal-qabar tiegħu, tqiegħdu l-kuruni mill-Għaqdiet taż-Żurrieq, u nqraw ukoll xi siltiet mill-kitbiet ta' P.P. Saydon.

Fil-21 ta' Marzu 1976, imbagħad, twaħħlet lapida mad-dar tiegħu fiż-Żurrieq. F'din l-okkażjoni, sar diskors minn Dun Mikiel D'Amato taż-Żurrieq, kif ukoll diskors ieħor mill-Onor. Anton Buttigieg. L-Iscouts taż-Żurrieq taw sehem ukoll f'din iċ-ċerimonja u daqqew l-Aħħar Tislima lill-istudjuż Malti. Fl-istess okkażjoni ħadu sehem l-Arċipriet u l-Kleru taż-Żurrieq, kif ukoll ħafna nies prominenti. L-organizzazzjoni saret minn Kumitat imwaqqaf b'dan il-għan ta' ġieh.

# AGAMEMNON

I

*Agememnon kien sultan*
*twil, irqiq u qatt daħkan:*

*Ġo Miċene bena d-dar,*
*ġebel kbir, għamla ta' swar,*

*Fuq ras għolja mħarsa sew*
*minn xi ħbit bla qalb tassew.*

*Taħt id-dell ta' għolja kbira*
*biex uliedu qatt ilsira*

*ma jkunu tul iż-żmien!*

*Minn hemm fuq il-ħarsa timraħ*
*u bil-ħdura u l-ilma tifraħ.*

II

*Bena d-dar u bena l-qabar*
*b'sengħa kbira u bis-sabar*

*l'ħtarx jegħleb tal-Farawni!*

*Ġebla ġebla, dawra mejt,*
*fuq art ċatta, qisha bejt;*

*U kull saff jiċkien, jiqsar,*
*tiela', tiela', tiela', 'l fuq*
*sakemm b'ġebla 'kien magħluq.*

*U FUQ barra — mistoħbija*
*difen kollox fil-ħamrija!*

*Għad l' għaddew tlett elef sena,*
*għadu qisu kif inbena!*

III

*Trid taraħ lil Agamemnon*
*b'ħarsa mqita jiġri u jdur*
*x'ħin ħabbrulu li Pariġi*

*kien ħarrabha miegħu żgur*

*lil mart ħuh: dak Menelaus*
*li x'ħin ġieb 'l Elen minn Sparta*
*kulħadd xorob miegħu ferħ.*

*Għaġeb kbir fil-Greċja kollha;*
*ġiet malajr minn Sparta l-bolla:*
*"Biex neħilsu minn dan l-għajb,*
*kulħadd ġirja waħda għal Trojja!"*

*Agamemnon bħall-oħrajn*
*mar ma' niesu —*
*quddiem nett fil-ġlied, fil-kliem, fil-ħażen.*

*Malli Trojja saret tlief,*
*reġa' lura biex jeħfief*
*minn ħsieb daru*
*li kien ħalla f'idejn martu —*

*Klitemnestra —*
*kienet għamlet bħal minestra*
*minn kull ma kien ħolom hu.*

*Sabet wieħed iżgħar, isbaħ,*
*u bidlitu*
*għad li moħħu bħal duħħan*
*ħdejn dak ta' Agamemnon.*

IV

*Malli qorob lejn Miċene*
*in-nies kollha ħarġet tiġri,*
*iċċapċap ,tifraħ bis-sultan*
*li kien reġa' bħal daħkan*
*ġewwa daru.*

*'Mma fil-folla kien hemm hi —*
*dik Kassandra —*
*l'għad li tħabbar kien iseħħ*
*kellha s-saħta li l-bnedmin qatt m'emmnuha.*

*Malli ratu għajtet għajta —*
*"F'darek hemm il-MEWT qed tistenniek!"*
*Agamemnon baqa' għaddej,*
*qisu ma kien sema' xej'.*

*Malli wasal, Klitemnestra*
*għaltaparsi ferħet bih:*
*biex jitfewwaħ u jistrieħ,*
*għal ġol-ilma tatu r-riħ.*

*Malli kien waħdu f'kamartu,*
*ħareġ jiġri minn purtiera*
*il-ħabib b'xabla kbira;*
*minn ġo qalbu għadda s-sejf,*
*u ħallieh hemmhekk fil-mewt,*
*fil-mistrieħ.*

*Kif in-nies intebħet x'ġara*
*Klitemnestra saret tlief,*
*u difnuha ġewwa l-miżbla;*
*'mma ta' wiċċU ĦADU L-MASKRA*
*platt tad-deheb —*
*u difnuh għal dejjem miegħu!*

*Jisraq l-għajn f'Atene sbejħa*
*fil-Mużew,*
*tara l-wiċċ ta' Agamemnon,*
*deheb u dija,*
*fin-nofs sew!*

WALLACE Ph. GULIA


**A. C. AQUILINA & CO.**

**triq ir-Repubblika, Valletta**

għal għażla wiesgħa ta' Kotba Maltin



# The Airline with the happy face

The friendly way to fly is by Air Malta. To London, Manchester, Birmingham, Rome, Amsterdam, Brussels, Paris, Frankfurt and Tripoli.

Air Malta's flight crew are an experienced international group. Pilots come from Germany, Scandinavia and Pakistan. Cabin crews are exclusively Maltese. Some of whom have already had many years flying experience, and all of whom are ready to give you a traditionally warm Maltese welcome as soon as you step aboard.

**AIRMALTA**

Going out to make friends

## Kronaka ta' l-Għaqda mill-aħħar ħarġa ta' l-Organu 'l hawn

| | |
|---|---|
| — 21 ta' Novembru, 1973 | Laqgħa Ġenerali Annwali. |
| — 2 ta' Frar, 1974 | "Lejla Letterarja" fit-Teatru ta' l-Università, il-Belt. |
| — 18/19 ta' Mejju, 1974 | Flimkien ma' l-Għaqda Kittieba Żgħażagħ ittella' d-dramm "Arbli fuq il-Bjut", ta' Ġużè Aquilina. |
| — 19 ta' Novembru, 1974 | L-Għaqda ħarġet riżoluzzjoni tagħha dwar il-pożizzjoni tal-Malti fil-Kostituzzjoni. |
| — 27 ta' Novembru, 1974 | Laqgħa Ġenerali Annwali. |
| — 2 ta' Frar, 1975 | 'Disco Party' għall-membri u ħbieb fil-'Common Room' ta' l-Università. |
| — 28 ta' Frar, | "Lejla Letterarja" fit-Teatru ta' l-Università, il-Belt. |
| — 11 ta' Marzu, 1975 | Godwin Xerri (Segretarju) irrappreżenta l-Għaqda fl-ewwel laqgħa tas-"Society Consultative Council". |
| — 11 ta' Novembru, 1975 | Laqgħa Ġenerali Annwali. |
| — 18 ta' Jannar, 1976 | 'Disco Dance' għall-Membri u ħbieb. |
| — 31 ta' Jannar, 1976 | "Analiżi tal-Jien" — Lejla Letterarja fit-Teatru ta' l-Università, il-Belt. |